Diċembru 2014 Nru 47

# Il-Kunsill tiegħek



Il-Fuljett tal-Kunsill Lokali Mosta

Il-Kuntatt li jgħaqqad il-Kunsill mal-Mostin kollha

# Britannia Tours

## ... your holiday starts here!

airmalta TOP TRAVEL AGENT AWARD 2012/13





## SHORT BREAK IN AMSTERDAM

FROM €399

7-10 Feb (10 Feb - Public Holiday)



## SHORT BREAK IN SALZBURG

FROM €399

7-10 Feb (10 Feb - Public Holiday)



## CARNIVAL IN VIAREGGIO, TOSCANA

FROM €399

13-17 February



## SHORT BREAK IN SAN REMO

FROM €399

19-22 Mar (19 Mar - Public Holiday)



## SHORT BREAK IN NUREMBURG

FROM €399

19-22 Mar (19 Mar - Public Holiday)

All prices are based on Triple Sharing and include Flights, Hotel, Transfers, services of Tour Leader and all Taxes (Conditions Apply).

**Valletta - Head Office** - Tel: 2123 8039, 2124 5418, 2124 1904
**Paola Branch** - Tel: 2180 9930 **Mosta Branch** - Tel: 2141 3030 **Gozo Branch** - Rabat Tel: 2156 5620

IATA

# Editorjal



Dr George Cassar

Wasalna għall-ħarġa tal-aħħar għal din is-sena. Se nġibulkom rendikont ta' ħafna avvenimenti li l-Mosta għaddiet minnhom bil-ħidma tal-Kunsill Lokali. Se nurukom ukoll dak li sar biex il-Mostin ikunu dejjem aħjar u l-ambjent li jgħixu fih isir dejjem aktar kif jixirqilhom.

F'din il-ħarġa tajna wkoll attenzjoni xi ftit jew wisq speċjali lil Mosta Youth Empowerment Centre li qiegħed ifakkar l-għaxar sena mit-twaqqif tiegħu fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Mosta. Ma setax jonqos li ninkludu wkoll rapport fuq Jum il-Mosta u l-onorifiċenza Ġieħ il-Mosta. Billi f'dan il-perjodu kien hemm ukoll x-Xahar tal-Mejtin li hu Novembru, saret ukoll it-tifkira tal-Qalbiena Mostin – dawk li mietu fi gwerer varji u li jiġu mfakkrin b'mod speċjali mill-komunità Mostija f'dan ix-xahar.

Ta' min jgħid li ġraw ħafna aktar avvenimenti u li f'din il-ħarġa se jkunu elenkati u spjegati. Dan hu fuq kollox l-għan tal-fuljett *Il-Kunsill Tiegħek*, dak li jgħarraf lill-Mostin residenti fil-lokalità bil-ħidma tal-Kunsill b'risqhom.

Dejjem nagħmlu stedina lil dawk li jkunu jridu jibagħtu xi kitba għall-konsiderazzjoni tal-Bord Editorjali biex jagħmlu dan. Fuq kollox hu tajjeb li l-komunità tkun parti sħiħa minn dan il-fuljett.

Hu xieraq li qabel nagħlaq inwassal ix-xewqat sbieħ lir-residenti kollha f'dan iż-żmien tant mistenni. Għalhekk, għan-nom tal-Bord Editorjali, Il-Kunsill Lokali u l-kollaboraturi ta' dan il-fuljett, nixtieq lil kulħadd Milied hieni u sena ġdida mimlija risq, barka u sliem.




Kull min jara l-bżonn li jirrapporta xi każ b'urġenza jew iħoss li qiegħed f'xi periklu, għandu jċempel mill-ewwel lill-Pulizija fuq in-numru ta' emerġenza 112.

Mela serraħ rasek u fittex għajnuna.

**Ċempel 112**


**Bord Editorjali**
Dr George Cassar - Editur
Dr Shirley Farrugia
John J. Camilleri

**Kontributuri**
Dr Shirley Farrugia - Sindku
Alex Muscat - Kunsillier
James Cassar - Kunsillier
Marthese Mifsud - Kunsilliera
Anna Maria Grech
Jessica Vella
Tania u Joseph Debono
Nicholas Borg
Rachel Spiteri
Dr George Cassar

**Fotografija**
Philip Azzopardi
Mosta Youth Empowerment Centre

**Telefon**
2141 6841 - 2141 6868

**Fax**
21410245

**Issettjat u stampat**
Union Print
A41, Qasam Industrijali,
Marsa, MRS 3000
Telefon: 25900224



***Kull korrispondenza tintbagħat:***
***Lill-Editur, Kunsill Lokali Mosta***
***Ċentru Ċiviku***
***Triq il-Kostituzzjoni***
***Mosta MST 9059***


*Ritratt tal-faċċata:*
*Presepju li jintrama*
*mill-Grupp Armar*
*Marija Assunta - Mosta*



# Diskors tas-Sindku
# għal Jum il-Mosta 2014

Dr Shirley Farrugia



**Reverendu Arċipriet, Onorevoli Spiker, Onorevoli Membri Parlamentari, sħabi Kunsillieri, mistednin distinti u residenti Mostin.**

Dan huwa wieħed mill-aħħar diskorsi li ħa jkolli l-opportunità nagħmel f'dawn il-ftit xhur li baqa' ta' dan il-Kunsill. Għalhekk illum xtaqt naqsam magħkom l-esperjenzi, l-isfidi, l-weġgħat, id-diżappunti u s-suċċessi li għaddejt minnhom tul dan il-vjaġġ ta' kważi tliet snin li għamilt immexxi dan il-Kunsill.

Minn dejjem emmint fid-demokrazija lokali u meta l-Partit Nazzjonalista aktar minn 20 sena ilu, sawwar il-kunċett tal-Kunsill Lokali, kont konvinta li l-Kunsilli jistgħu jaħdmu. Huwa minnu li fil-lokalitajiet tagħna t-tmexxija tista' tiġi devoluta lir-residenti u dawn imexxu r-raħal tagħhom skont il-prioritajiet li huma relevanti għalihom. Illum, wara din l-esperjenza li għamilt, nemmen iktar minn qatt qabel li ċ-ċittadini tagħna għandhom jingħataw l-opportunità li jeleġġu lil min iridu li jmexxihom u l-ebda gvern elett mill-poplu ma għandu jiċħad jew inaqqas dan id-dritt bażiku ta' demokrazija.

Huwa għalhekk li ħaddant l-opportunità li nservikom bħala s-Sindku ta' dan il-Kunsill meta ġie l-waqt. Mill-bidu ħassejt li dħalt għal sfida kbira. Kont iffaċċjata b'raħal ta' għoxrin elf resident li tħalla fi stat ta' abbandun mill-Kunsill preċedenti – b'Kunsill li kien tilef l-importanza u l-fiduċja tar-residenti u b'Kunsill b'nuqqas serju ta' tmexxija għaqlija minn naħa tal-amministrazzjoni tal-Kunsill.

Flimkien mal-kunsillieri ħdimna biex l-ewwel u qabel kollox insaħħu l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Daħħalna Segretarju Eżekuttiv li kien jaf xogħlu sew, daħħalna iżjed staff, u komplejna tul is-snin nagħtu s-sapport meħtieġ lill-uffiċċju tal-Kunsill b'mod tanġibbli. Minn naħa tiegħi tgħallimt li kelli nsaħħaħ il-fiduċja li anki l-istaff tal-Kunsill kien tilef fih nnifsu tul is-snin li għaddew. Kuljum ftaħt il-bieb tal-uffiċċju tiegħi u erġajt għalaqtu. Ma ħdimtx minn hemm – ħdimt viċin tal-istaff tiegħi fuq siġġu fejn l-iskrivaniji tagħhom u ta' spiss ħdejn l-iskrivanija tas-Segretarju Eżekuttiv. Bil-mod il-mod l-istaff ħa l-kunfidenza li jemmen f'xogħlu u r-riżultati dehru sew.

L-istess għamilt fix-xogħol ta' barra, ippruvajt insegwi kemm stajt ix-xogħol li kien għaddej fit-toroq tagħna, tgħallimt fuq it-tipi tas-siment, fuq is-saffi involuti fil-kostruzzjoni tat-toroq, fuq kif tibni bankina u kif issir *patch* fit-triq. Staqsejt u tajt l-opinjoni tiegħi, nimmaġina li daħħakt mhux darba lill-ħaddiema tal-Kunsill imma kont hemm u segwejthom. Illum nista' ngħid li ma kien hemm l-ebda proġett tal-Kunsill li ma żortx.

Mal-kunsillieri eletti l-isfidi kienu differenti. Skoprejt li ħdax-il kunsillier madwar mejda jagħmlu ħafna u ħafna storbju u fl-aħħar tal-laqgħa tal-Kunsill il-vuċi tiegħi kienet xiehda ta' dan. F'kull laqgħa ddiskutejna, illetikajna, għajjatna, imma kriżijiet kbar ma kienx hemm. Ftit li xejn issemmejna fl-aħbarijiet jew fil-gazzetti. Diversi kunsillieri ħadu r-rwol tagħhom bis-serjetà u ħadmu f'isem il-Kunsill, ipparteċipaw,



Xogħol siewi fuq l-uċuħ ta' toroq fil-Mosta

taw l-opinjonijiet tagħhom u kienu parti mit-tim. Kien hemm oħrajn li għal xi raġuni nsew li kienu eletti mill-poplu u għamlu ftit li xejn. Lanqas fid-dekasteri li aċċettaw li jieħdu huma stess ma taw sehemhom. Lil dawn ngħidilhom biss li tliftu opportunità kbira li taħdmu, isservu, u fuq kollox tikbru.

Il-kuntatt mar-residenti kien sfida oħra għalija. Bħala Kunsill sibna appoġġ minn ħafna residenti, voluntiera li offrew l-għajnuna, ideat, suġġerimenti, kritika kostruttiva u anki l-kontribut ta' riżorsi finanzjarji tagħhom. Dawn għenuna ntejbu s-servizz tagħna u noffru prodott aktar iffukat għall-bżonnijiet tar-residenti tagħna. Kien hemm dawk, imma, li jibqgħu bl-idea antikwata fejn jippretendu li għandhom xi dritt jieħdu, minflok li jaraw l-ewwel x'jistgħu joffru għal-lokalità tagħhom. Ftit huma dawk li lesti jċedu u jaċċettaw kompromess. Jibqa' l-fatt li l-kuntatt mar-residenti huwa importanti u huwa dak li jixpruna l-politika ta' Kunsill effettiv.

Kien ċar li x-xogħol ewlieni ta' dan il-Kunsill kellu jkun t-toroq, u warajhom il-bandli. Kmieni fil-leġislatura ta' dan il-Kunsill poġġejt fuq il-mejda tal-Kunsill rapport estensiv fuq il-bżonnijiet ta' kull triq fil-Mosta. Bis-saħħa ta' dan ir-rapport ġiet identifikata l-iskala tal-problema tat-toroq fil-Mosta u kkonvinċejna lill-Gvern preċedenti li kellu jinvesti aktar flus fil-Mosta biex isiru t-toroq meħtieġa. Iddeċidejna unanimament fil-Kunsill li kellna nallokaw somma mill-allokazzjoni tagħna ta' kull sena għat-toroq. Emminna fil-proġett, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-kuntratturi tagħna, żort il-lant tax-xogħol regolarment, iltqajna mar-residenti, smajna l-ilmenti, u ġieli wkoll qlajna l-grazzi. Illum b'investiment ta' 1.4 miljun euro l-proġett tat-toroq kważi lest u kburija ngħid li dan il-Kunsill fi spazju ta' sena u nofs bena mill-ġdid 16-il triq. Iva, baqa' jsiru aktar toroq. Persważa li kif għamel dan il-Kunsill li kien l-ewwel Kunsill li għamel daqstant toroq, il-Kunsilli ta' warajna jistgħu wkoll jaħdmu bħalna biex forsi xi darba jlestu t-toroq u kull resident fil-Mosta jkollu triq kif tixraqlu.

Fix-xhur li għaddew dan il-Kunsill lesta wkoll ir-*refurbishment* ta' żewġ *playing fields* – dik ta' Ġnien Reggie Cilia li tlestiet ftit ġimgħat ilu u dik tal-Ġnien tal-Blata l-Għolja li tlestiet f'Ottubru li għadda. Dawn il-proġetti saru totalment bis-saħħa tal-*Urban Improvement Funds* tal-MEPA, fondi li ħa nkunu qegħdin nutilizzaw biex inkomplu r-*refurbishment* ta' ġnien f'Santa Margerita li ħa jitlesta wkoll sat-terminu ta' dan il-Kunsill. Dawn huma proġetti żgħar imma li għandhom importanza kbira fil-ħajja ta' kuljum tar-residenti tagħna. Nemmen li r-residenti tagħna għandu jkollhom post fejn jistgħu jiddevertu mal-ġirien u l-ħbieb – huwa hawnhekk li jissawru relazzjonijet fit-tul fost ir-residenti. Il-Kunsill għandu jħaddan dan ir-rwol soċjali tiegħu wkoll u jixpruna l-prijoritajiet tiegħu lejn dan ir-rwol ukoll.

Ħidmitna tul dawn is-snin kellha mira waħda – kif ħa naħtfu kull opportunità biex inġibu iżjed riżorsi lejn il-Mosta biex nagħmlu dejjem iżjed. Dħalna f'diversi kompetizzjonijet taħt skemi mnedija mill-Gvern u entitajiet oħra biex nattiraw proġetti lejn il-Mosta. B'hekk żidna l-baġit. Utilizzajna fondi tal-*Urban Improvement* tal-MEPA biex nagħmlu l-pavimentar ta' żewġ sqaqien:

dawk ta' Trejqet Sant' Anna u Sqaq Numru 1 fi Triq Sant' Antnin. Proġetti li nawgurajna llum stess. Għarafna wkoll kif nużaw il-fondi mill-Ewropa u propju fejn qegħdin miġburin llum wettaqna proġett fejn irrestawrajna pont antik, naddafna il-wied, ħawwilna s-siġar u lestejna passaġġ għat-tgawdija ta' kull min iżur dan il-wied msemmi ma' Malta kollha.

Le ma għamilniex kollox, għad baqa' iżjed xi jsir fil-Mosta. Ħa nkunu qed inħallu warajna proġetti fejn għamilna biss l-ewwel passi. Insemmi fost oħrajn il-proġett sabiħ tar-restawr tal-Batterija tat-Tarġa, ir-riabilitazzjoni tan-*Nuclear Shelter*, u r-*refurbishment* ta' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta fost oħrajn. Postijiet oħra għat-tgawdija tar-residenti tagħna huma l-bandli f'Ta' Zakkak, iċ-Ċentru għaż-Żgħażagħ f'Santa Margerita, il-pjanta ta' aktar żvilupp fis-sular ta' fuq taċ-Ċentru Ċiviku u aktar u aktar.

F'dawn is-snin li għaddew ħassejt li l-Kunsill għandu rwoli oħra. Mhux biss li jieħu ħsieb ir-raħal, it-toroq, l-iskart, il-bankini u bżonnijiet oħra ta' kuljum, imma ġieli l-Kunsill jiġi msejjaħ għal aktar minn hekk.

Tul din is-sena tfaċċat opportunità oħra mhux tas-soltu fejn dan il-Kunsill kellu jsemma' leħnu. Tkellimt diversi drabi mal-mezzi tax-xandir fuq il-każ tal-*cat killer*. Waqt li konna għaddejjin f'dan l-episodju li dam għaddej diversi xhur, kien hemm numru ta' residenti li daru lejna bħala gvern lokali jħeġġuna nagħmlu xi ħaġa. Ħassejt li kelli nitkellem f'isem ir-residenti li ħassewhom urtati jaraw l-atroċitajiet li kienu qegħdin jitwettqu fuq l-annimali fil-lokalità tagħna. Il-każ ġie fi tmiemu u fir-raħal tgħallimna x'inhu mard mentali. Laqatni wkoll is-sens ta' komunità u l-potenzjal ta' għaqda fi grupp ta' nies li għaddejjin mill-istess diffikultajiet.

Il-Mosta huwa raħal sabiħ, hemm potenzjal kbir fil-familji tagħna, għandna tfal u żgħażagħ ħabrieka. Konvinta li nistgħu nkunu aħjar u akbar jekk fost il-familji tagħna nrawmu sens akbar ta' komunità u l-bżonn li nagħtu lura lill-komunità. Jeħtieġ li nkunu kburin li aħna Mostin forsi jitnaqqas il-vandaliżmu bla sens li naraw ta' kuljum fir-raħal tagħna, u forsi jitnaqqas l-egoiżmu li nuru meta ta' kuljum naqbdu l-borża taż-żibel tagħna u nħalluha fil-kantuniera tat-triq jew ma xi *roundabout*, forsi jitnaqqas dak il-ħmieġ tal-klieb li nsibu kull fejn hemm bankina mdaqqas, u wisq aktar forsi jitnaqqsu dawk il-piki bla sens li naraw bejn il-ġirien.

Meta ġejt noqgħod il-Mosta xi 25 sena ilu ħassejtni biss Mostija tal-isem. Illum naf li jiena Mostija bħalma jista' jkun kull min ġie jagħmel daru u jrabbi familtu hawn. Aħna lkoll Mostin daqs kemm huma Mostin dawn li twieldu hawn u li ilhom b'familthom joqogħdu hawn għal mijiet ta' snin. Huwa minnu imma li tħossok tagħmel parti mill-komunità li tgħix fiha meta tipparteċipa. Allura nħeġġiġkom tipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kunsill u ta' organizzazzjoniet oħra fir-raħal. Nagħmel dan l-appell speċjalment liż-żgħażagħ li għandna fir-raħal. Żgur li ħa tieħdu aktar milli tagħtu mill-esperjenza li tagħmlu.

Meta semmejna l-programm li tellajna dalgħodu MOSTATTIVA kellna raġun – nista' ngħid li dan il-Kunsill kien attiv ħafna u li ħdimna tul dawn is-snin biex inħallu r-raħal isbaħ milli sibnieh. Inħallu wkoll il-Kunsill fi stat finanzjarju tajjeb – dejjem aħjar minn dak li sibnieh.

Ningħataw id-dritt jew le għal elezzjoni tal-Kunsill, jiena nieqaf hawn u t-terminu tiegħi bħalha Sindku jispiċċa f'Marzu li ġej. Grazzi tal-opportunità li tajtuni biex inkun ta' servizz għalikom. Kienet esperjenza li ħaddant u li użajt bħala opportunità biex nikber u nitgħallem. Żgur li meta nħares lura lejn dawn it-tliet snin ħa nkun qed inħares lura b'sodisfazzjon kbir.

Grazzi.


Il-Kunsill ħadem fuq il-konservazzjoni tal-wirt storiku ġewwa l-Wied tal-Isperanza

# Address by the Mayor

Dr Shirley Farrugia

## Excerpts from the speech given by the Mayor on the occasion of Mosta Day 2014

This is one of the last speeches that I have the opportunity of giving through the coming months left for this council. Today I wished to share with you some of the challenges, the disappointments, the successes and the problems that I was faced with through these past years as your mayor.

I have always believed in democracy so that when the Nationalist Party just over 20 years ago came up with the concept that was new to Malta at that time – that of local government – I believed that councils could work. I believe that the running of a locality should be devolved to the same residents who could be interested in managing their locality – allocating priorities and resources as they feel is justified. Today, after the experience that I have been through, I still believe that given a lot of good will, a good measure of interest in the locality, and the wish to work hard, then councils can work. I am convinced that the residents of any locality should be given the opportunity to elect their representatives and this basic democratic right should not be denied to them.

For this reason I embraced the opportunity to serve as your mayor when the opportunity arose. From the outset I felt that I had taken on a great challenge – I was faced with a locality that had been left in a state of total abandon and disarray by the previous mayor with a council that had long ceased to inspire the confidence of its residents and had even forgotten how to operate effectively.

Together with the councillors, from the outset we worked to set up proper administrative practices in the council offices. We brought up to date a number of contractors' tenders and brought in a new Executive Secretary who was well versed in council administration. We employed two new clerical staff and added all the resources that had long been missing from the council offices. I went to the council offices everyday and spent most of my time in the Executive Secretary's office or close to the clerks' desks working close to my staff, talking, discussing, involving the staff and getting them to believe once again in their work. It worked, and today our staff members are proud of their job and contribute effectively even when called out of hours.

The on-site work was a particular challenge to me, having no construction experience myself. However I did not hold back. On a daily basis I visited the contractors at work on the projects going on in our locality. I asked, discussed, made mistakes. We laughed and I learnt. Today I can vouch for having been present at all the projects, however large or small, that this council has undertaken.

The councillors, on the other hand, posed a number of different challenges. I soon discovered that eleven councillors around one table at the end of the day made a lot and a lot of noise and my voice showed evidence of this a number of times. At each meeting we discussed, we argued, we shouted, but most

of the time we managed to find a compromise in the interest of the locality. There were very few times that we got mentioned in the media in a negative way as there were no major crises during this legislature.

Many of the councillors contributed effectively and embraced their responsibility, participating, sharing their opinions and working within the team. There were others, however, who must have forgotten that they were elected by the residents to represent them and these councillors did absolutely nothing for the council, not even in the responsibilities that they themselves had agreed to take on. To these councillors I have only this to say – you threw away the opportunity to work, to serve and above all, to grow up.


The renovated playing field at il-Blata l-Għolja

The residents on the other hand were another challenge that we had to take on. We have found that a good number of residents are always there to lend a helping hand to the council, making effective suggestions and criticising constructively. These were the residents who helped us improve our services and tailor them better to the existing needs of the locality. As always we found that there still exist those residents who persist in their sense of entitlement, thinking that the council exists to give them hand-outs rather than they having a duty to contribute to the wellbeing of their locality.

Be that as it may, it is the contact with the residents that has been the mainstay that has guided the political activity of this council.

It was very clear from the beginning that the main job for this council was going to be the roads and after them the playgrounds. Early in this legislature I placed on the council table a report on the state of the roads in Mosta, a report that I commissioned out of pocket. Using this report I was able to lobby the central government within the previous administration for extra funds to Mosta for the roads. We unanimously agreed at council that we had to allocate funds for roads over a period of a number of years from our own yearly allocation. We started the road construction project in March of 2013 and to date we have completed 19 roads using a budget of 1.45 million euros. We know that there are more roads that need to be reconstructed but we feel that this council has contributed effectively to try to start reducing the number of roads that need work done on them. Surely with future councils embarking on similar projects we might eventually witness the wish coming true of having decent roads in Mosta once and for all.

This council did more. Our main aim through these years has been that of bringing to Mosta as many resources as possible. We sought to increase our funds by participating in various competitions set up by various government and non-governmental organisations to attract more funding.

Over this past year we finished the refurbishment of two new playgrounds – the one in Blata l-Għolja, and just recently, the one in the square, that is, Ġnien Reggie Cilia. We also carried out two paving projects in two streets in the urban core. All four projects utilised urban improvement funds from MEPA. Using EU funds, on the other hand, we have embellished a part of Speranza Valley where our celebration is being held today. Here we have restored the old bridge to its original glory, resurfaced the road, cleaned the valley, planted new shrubberies, set up an accessible pathway for all visitors to this famous valley and installed an information totem for the use of all. These are small projects that nevertheless mean much in the daily life of our residents. I

feel that residents should have areas in their locality where they may go to rest, recreate themselves and meet with others and there be able to build lasting relationships with one another. This is one of the roles that any effective council should embrace.

No, we did not do everything. There is still so much to do in our locality. We leave behind us a number of projects that we have only skimmed the surface of – the project of Tat-Tarġa Battery, the nuclear shelter, the redesigning of space for the elderly and youths in the third floor of the civic centre, the refurbishment of Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, and more.

Over the years I have felt that the role of the council has to go beyond so much more than just looking after the locality, its roads, pavements, playgrounds, waste collection and the general upkeep of the locality. Often the council may be called to do more for its residents. One such opportunity presented itself to us earlier this year. I spoke out on various occasions about the case of the cat killer. As Mosta was going through this ugly episode, the council was often approached by residents who felt that we could or should be doing something to help catch the perpetrator. Many of our residents were hurt when they witnessed the atrocities that were happening to the animals in our locality. I often felt the need to pass on these sentiments to the media when called upon. The case came to an end and I watched the community in Mosta



One moment during the 'Mostattiva' event which encoureged people to engage in physical activity

struggle to understand and accept the reality of mental illness and its impact on society at large.

Mosta is a lovely locality. There is a great potential in our families where we have hardworking children and youths. I am convinced that we can be better if a greater sense of community and giving back to the locality is nurtured between us. It is important that we all feel that we are indeed Mostin maybe then we can finally see the end of the senseless vandalism that happens daily, the end of the useless squabbles between the neighbours, and the end of the egoism repeatedly seen in those residents who insist on placing their garbage bag at the far end of the street or at the corner rather than by their front door.

When I moved to Mosta some 25 years ago, I felt that I was a Mostija only by name. Like many of you here, I used to only reside in Mosta, working and entertaining myself outside Mosta. Many thousands of residents like me came to Mosta and many of them feel they are Mostin only by name as they do very little to feel that they belong. Living in Mosta does make you a Mostija but to be a true Mostija you have to contribute, you have to participate in anything that interests you in the community at any level and in any of the numerous organisations that are present in this village. Participating, as I have learnt, will make you feel that you belong, and taking the risk of putting your neck out and participating will do much to help you develop your personality. I make this appeal particularly to the youths – you will, for sure,

gain more from your experience than you can ever give.

When we named today's activity 'Mostattiva', I feel that we were correct. This council has indeed been active. We worked hard to leave this locality in a better state than that which we found it in. We also leave the council in a good financial position – definitely better than the position in which we started off.

My role as mayor ends with the termination of this council's term of office. I have decided not to contest the coming elections. Thank you for the opportunity that you have given me to be of service to you. It was an experience that I took on board to the best of my ability and which I used to learn and grow from. I am sure that when I look back on these past three years I will be looking back with great satisfaction.

## Avviż importanti




Il-Kunsill Lokali Mosta qed jibni *database* ta' dawk ir-residenti Mostin li jixtiequ jirċievu avviżi u informazzjoni mingħand il-Kunsill permezz tal-Internet. Kull min hu interessat jista' jċempel jew jikteb lill-Kunsill sabiex jirreġistra l-indirizz elettroniku tiegħu (*e-mail address*) kemm jista' jkun malajr. Min irid jista' wkoll jirreġistra billi jibgħat *e-mail* lil **mosta.lc@gov.mt**

TOYLAND

Toys and Household Goods

Open: Mon - Sat 9.00am - 7.00pm

Department Store: 2141 1152 / 2741 1152

Wholesale Department: 2143 5325

Zammit General Stores Ltd., 96, Constitution Street, Mosta

email: info@toylandmalta.com

# Lir-Residenti Mostin



Alex Muscat - Kunsillier

Tista' tgħid li taret sena oħra, u qed noqorbu wkoll lejn it-tmiem ta' dan il-Kunsill. Infatti s-sena d-dieħla ser ikollna elezzjonijiet għal kunsilli lokali ġodda ma' nofs il-pajjiż, inkluż fil-Mosta. Elezzjonijiet li ser ikunu differenti minn kull elezzjoni li saret qabel. Dan għaliex l-elezzjoni li jmiss ser tkun l-ewwel waħda fejn iż-żgħażagħ ta' bejn sittax u tmintax-il sena ser ikollhom l-opportunità li jivvotaw għall-ewwel darba. Dan huwa dritt ġdid li jkompli jsaħħaħ id-demokrazija f'pajjiżna u li ser jgħin liż-żgħażagħ ikomplu jiffurmaw l-identità tagħhom. Nittama li l-ħafna żgħażagħ Mostin li għandhom dan id-dritt ġdid, jagħrfu jużawh waqt li nħeġġiġhom jipparteċipaw iktar fis-soċjetà ċivili.

**Indafa**

Jekk hemm xi ħaġa li żgur għadni mhux sodisfatt biha hija l-indafa ġenerali. Nistqarr li bħala Kunsill nagħmlu sforz kbir biex nassiguraw li jkollna ambjent nadif. Fost l-oħrajn, tajna kuntratti ġodda għall-knis tat-toroq, ġbir ta' skart goff, *landscaping* u manutenzjoni tal-ġonna. Dan huwa kollu xogħol importanti ħafna fiż-żamma tal-indafa u tal-ambjent li ngħixu fih, li għalih il-Kunsill iħallas mijiet ta' eluf ta' euro kull sena. Però l-Kunsill waħdu ma jistax jagħmel kollox. Fejn tidħol l-indafa pubblika, il-kollaborazzjoni tar-residenti hija essenzjali. Ma jistax ikollok sitwazzjoni fejn fuq naħa għandek il-Kunsill jaħdem biex ikollna Mosta aktar nadifa, u minn naħa l-oħra ikollok residenti li ma jagħmlux il-parti tagħhom. Irridu nifhmu li biex ikollna ambjent nadif fejn ngħixu, irridu naħdmu lkoll flimkien għall-istess oġġettiv. Nappella għall-għajnuna ta' kulħadd, biex flimkien nagħmlu l-Mosta post isbaħ fejn ngħixu.

**Online Streaming**

Nemmen li l-prinċipju tat-trasparenza huwa vitali fejn tidħol amministrazzjoni pubblika. Irridu nkunu dejjem aktar miftuħa għall-iskrutinju tal-poplu li jagħżilna. Huwa propju għalhekk li f'Settembru 2012, flimkien ma' sħabi, kont ressaqt mozzjoni fil-Kunsill sabiex nibdew nittrasmettu l-laqgħat tal-Kunsill *live* fuq l-internet. Din il-mozzjoni però ma kinitx intlaqgħet tajjeb mit-tmexxija tal-Kunsill tant li ma ġietx approvata. Bi pjaċir nikteb li waħda mill-inizjattivi ta' Gvern ġdid hija propju dik tal-*online streaming*. Għalkemm il-laqgħat tal-Kunsill huma miftuħa għall-pubbliku, l-attendenza hija waħda baxxa ħafna. Ir-realtajiet tal-ħajja mgħaġġla tal-lum jagħmluha aktar diffiċli biex wieħed isib il-ħin u jsegwi dak li jkun qed jiġi deċiż fil-Kunsill. Issa, permezz ta' din il-bidla, kulħadd ser ikun jista' jsegwi l-laqgħat li jinteressawh bil-kumdità minn fejn irid. X'hemm iktar trasparenti minn li tiftaħ il-bibien tiegħek beraħ għar-residenti kollha?

Fl-aħħarnett nieħu l-okkażjoni sabiex nawgura Milied u sena ġdida mill-aqwa lill-familja kollha.



# Natu kas dak li hemm madwarna u nibżgħu għalih

James Cassar - Kunsillier

Min jaf kemm-il darba ngħaddu minn toroq u minn postijiet oħra mingħajr ma natu kas ta' dak li jkun hemm madwarna. Dan, ħafna drabi, jiġri għax nieħdu l-ambjent naturali u kulturali ta' madwarna kif ngħidu, *for granted*. Hemm bżonn ninnutaw iżjed dak li għandna madwarna ħalli b'hekk nibdew napprezzawh. Meta wieħed japprezza, jirrispetta wkoll, għax jibda jara l-affarijiet b'lenti oħra. Illum nixtieq nitkellem ftit dwar il-Mosta u dak li hemm madwarna.

Qatt tajtu kas kemm hemm oġġetti interessanti fit-toroq tagħna? L-istatwi fil-kantunieri, in-niċeċ fil-faċċati ta' djarna, l-iskultura madwar il-bibien u taħt il-gallariji, xi ħabbata interessanti, u tant affarijiet li biex tarahom trid timxi bil-mod, tħares madwarek, u tinnota. Iva, tinnota dak li hemm. Disgrazzjatament daż-żmien kulħadd għaddej jiġri bil-karozza – dejjem mgħaġġlin, dejjem niġru wara l-ħin. Id-dinja saret tiġrija minn filgħodu sa billejl. Ma baqalnix ċans napprezzaw l-ambjent ta' madwarna. Ħasra, għax hemm teżori x'wieħed jara, jifli, u jitgħallem fuqhom.

X'ingħidu għat-Torri Cumbo bil-leġġenda tal-Għarusa tal-Mosta marbuta miegħu? Jew, il-Kappella tal-Madonna tal-Isperanza, maġenb il-wied – dak il-wied li l-Kunsill ħadem kemm felaħ biex inaddfu u jagħtih dehra aħjar – li jgħaddi minn ħejha biex jibqa' sejjer lejn Wied il-Għasel. Kemm irrakkontaw ix-xjuħ tagħna fuq dik it-tfajla li nħbit mill-furbani fl-għar li l-Madonna ppermettiet li jingħalaq malajr b'għajnbuta li ħadmet brimba bieżla biex b'hekk it-tfajla Mostija ssalva u ma taqax fil-jasar. Din umbagħad irringrazzjat lill-Madonna billi bniet il-kappella li naraw illum.

U la semmejna Wied il-Għasel – post ta' sbuħija naturali u bi storja kbira – kemm hawn minn jaf li ġewwa dan il-wied mhux il-Kappella ta' San Pawl Eremita biss hemm imma hemm ukoll katakombi li jmur lura għal żmien Ruman u li qiegħed eżatt taħt il-Fortizza tal-Mosta ġewwa l-ġenb tal-wied? U ma ninsewx li mal-Kappella ta' San Pawl Eremita hemm marbuta l-leġġenda ta' San Kurraw (jew Corrado) li tgħid li meta l-Mostin dejjaqhom jiġbdilhom l-attenzjoni għax ma kinux qed jgħixu ħajja tajba, raw kif għamlu biex jixluh falzament.



Eżempju wieħed minn ħafna ta' xogħol ta' Fabrizio Bartolo li jikkonsisti f'basrilievi ta' qaddisin li ssibhom mal-faċċati ta' djar fil-Mosta, uħud minnhom bħala wegħda



Statwa antika fil-għoli mal-faċċata tat-Torri Cumbo

Kurraw ra li ma sata' jagħmel xejn ma' dan il-poplu ingrat u għalhekk firex il-mantar tiegħu fuq il-baħar u telaq lejn il-Qala f'Għawdex. Għalxejn iddispjaċihom il-Mostin u talbuh jiġi lura, għax dan ir-raġel qaddis baqa' ma rritornax.

Kemm huma sbieħ dawn l-istejjer marbuta ma' lokalitajiet fil-Mosta li min jaf kemm rakkonti oħra ntqalu fuqhom. Fost il-postijiet li ngħaddu minn ħdejhom u forsi lanqas biss nindunaw li jeżistu jiġuni f'rasi ż-żewġ imtieħen li hemm, waħda tefa' ta' ġebla 'l bogħod mill-oħra fl-istess triq; dik it-triq li fl-antik kienet ir-rotta prinċipali li mir-Rabat kienet iddaħħlek ġewwa l-Mosta. Żewġ imtieħen li jorriġinaw minn perjodi differenti. Dik l-aktar antika u li qiegħda fin-nofs tat-triq, taf il-bini tagħha lill-Ordni ta' San Ġwann; l-oħra, tat-tarf tat-triq, tmur lura għall-perjodu tal-ħakam Ingliża f'Malta. Min jaf kemm raw qamħ, dqiq u tħin dawn iż-żewġ imtieħen? Min jaf kemm kielu ħobż maħdum u maħbuż mid-dqiq li tawna dawn l-imtieħen?

Il-Mosta sinjura fil-wirt tagħha u nistgħu nibqgħu sejrin b'mitt oġġett, post u kurżità oħra. Imma l-ispazju ma jippermettix. Nagħlaq biss b'appell. Ejjew nieħdu ħsieb aħjar il-patrimonju li ħallewlna ta' qabilna; ejjew nibżgħu għalih; ejjew inkunu kburin bih.



Santa Marija, waħda mill-ħafna li nsibu ma' faċċati u kantunieri fit-toroq Mostin

# Tagħrif dwar skultur ieħor Mosta

# Savio Deguara



Marthese Mifsud - Kunsilliera

Ħbieb, fil-ħarġa ta' *Il-Kunsill Tiegħek* ta' Diċembru, 2013, Nru 45, kont ktibt kelmtejn dwar l-iskultur Mosti Shaun Saliba. Fil-ħarġa ta' din id-darba ser nikteb dwar skultur bravu ieħor, Savio Deguara.

Savio Deguara huwa mill-Mosta u twieled fis-16 ta' Marzu, 1971. Hu iben Paċifika nèe Galea u Salvatore Deguara. Huwa wera ħajra bikrija għall-arti, minn kmieni u ta' tmien snin kien attenda perjodu qasir ta' tagħlim tal-pittura ġewwa l-Mosta.

Ta' 16-il sena Savio beda jattendi għal kors ta' tliet snin (1986-1989) ġewwa l-Iskola tal-Arti u l-Artiġjanat, Tarġa Gap, il-Mosta. Fl-ewwel sena studja taħt l-għalliem is-Sur Herman Baldacchino u fis-sentejn ta' wara huwa tħarreġ fl-iskultura fl-injam taħt is-Sur Joseph Camilleri (mill-Mosta) u d-disinn taħt is-Sur Angelo Agius (mill-Qrendi).

Wara li temm il-kors, Savio beda l-apprendistat tiegħu fl-iskultura fl-injam mal-gvern, fejn huwa baqa' jattendi jumejn fl-Iskola tal-Arti u l-Artiġjanat 'Salvatore Dimech', il-Mosta, u beda jattendi xogħol ta' kreattività ma' persuni b'diżabilità, ġewwa c-Ċentru Ħidma Soċjali, f'Santa Venera (1990-1993).

Wara erba' snin apprendistat Savio Deguara rebaħ borża ta' studju mill-Gvern Taljan fejn huwa studja l-iskultura fl-Accademia di Belle Arti Pietro Vannucci ġewwa Perugia (1993-1997). Bħala korsijiet fundamentali tul dawn l-erba' snin huwa kellu l-iskultura, l-istorja tal-arti u l-anatomija (artistika). Korsijiet speċjali li għamel kienu jikkonsistu fil-*metodologia e progettazzione, marmo e pietre dure, psicologia della forma, beni ambienti culturali*, fotografija u fonderija fil-bronż.

Waqt il-kors f'Perugia, Savio kien ingħata l-opportunità li jintbagħat kors tal-Erasmus għal tliet xhur fl-iskultura ġewwa l-Facultat de Belles Artes, Universitat de Barcelona fi Spanja fl-1996.

Wara li temm b' suċċess l-istudju ġewwa Perugia fl-Lulju tal-1997, huwa beda jattendi għall-kors tal-P.G.C.E. fl-Arti ġewwa l-Università ta' Malta (1997-1998) biex ikun jista' jgħallem l-arti fl-iskejjel sekondarji. Bejn l-1998 u l-2001 huwa għallem l-arti fl-Iskola Sekondarja Vincenzo Borg Brared, f'Ta' Paris, Birkirkara. F' Settembru tal-2001, imbagħad, daħal jgħallem l-arti fl-Istitut tal-Arti u Disinn, MCAST, Tarġa Gap, il-Mosta, fejn għadu jgħallem sal-lum. Fl-2005 Savio Deguara beda jgħallem ukoll l-iskultura fl-Università ta' Malta lill-istudenti tal-kors tal-B.Ed. Art fejn huwa għadu jgħallem sal-lum.

Jiena u Savio tkellimna wkoll fuq ix-xogħlijiet li huwa għandu l-Mosta. Fil-Mosta nsibu bosta xogħlijiet. L-ewwel waħda li ħadem kienet 'ir-Ruħ' li tinsab kantuniera bogħod miċ-ċimiterju tal-Mosta, u li kienet ġiet ikkummissjonata minn Dun Salv Magro fl-1991. Hemm ukoll Via Sagra li kienet ġiet offruta b'xejn mill-artist lill-Kappella ta' Sant Andrija fi żmien l-Arċipriet Dun Joe Carabott. Insibu l-Papa Ġwanni Pawlu II u l-Madonna li kien qabbdu jagħmilha l-Arċipriet Dun Joe Carabott għas-Sala Papa Wojtyla fl-1992.

Fis-sena 2000 ix-xogħol ta' Savio Deguara ġie magħżul minn fost xogħlijiet oħra mill-Kunsill Lokali tal-Mosta għat-twettiq ta' monument li jfakkar it-Tielet Millenju. L-artist għoġbu jirrappreżenta l-għaqda u l-bżulija tal-komunità Mostija. F'ġebla wieqfa ta' tliet metri f'forma ta' menhir, l-iskultur naqqax xehda tan-naħal.

Fl-2002 Savio reġa' ġie kkummissjonat minn Dun Salv Magro biex jagħmel żewġ statwi tal-ġebel għan-niċeċ vojta li kien hemm fil-faċċata tal-Kappella ta' San Silvestru. Huwa naqqax lil San Pietru u lil San Silvestru.



L-artist Savio Deguara

Fl-2005 l-iskultur ġie kkommissjonat biex iwettaq statwa tal-ġebel ta' żewġ metri tal-Madonna tal-Karmnu fuq dik taż-Żurrieq mis-Sur Michael Attard, u din tinsab fil-villa tiegħu ġewwa l-Mosta.

Fl-2007 l-iskultur ġie kkummissjonat mill-Għaqda Talent Mosti biex jaħdem l-istatwa ta' San Franġisk li tinsab fuq is-setaħ fir-Razzett tal- Markiż Mallia Tabone. Fl-istess Razzett Savio għandu tliet bustijiet li l-Għaqda għoġobha tagħmel bħala tifkira: dawn huma ta' Dr George Zammit, tal-Markiż Mallia Tabone u tal-istudjuż Dr George Mifsud Chircop.

Fl-2008 ġie avviċinat mill-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu biex iwettaq bust monumentali tal-Arkitett tal-Knisja tal-Mosta George Grognet De Vassé li jinsab mal-faċċata tal-Iskola Primarja tal-Mosta, biex titfakkar l-400 sena mit-twaqqif tal-parroċċa tal-Mosta.

L-iskultur intgħażel fl-2011 mill-Kumitat Mafkar Freddie Micallef biex iwettaq monument tal-eks Ministru Mosti. Dan il-monument jinsab fil-Pjazza tal-Mosta u kien ġie nawgurat f'Ottubru tal-2012. L-aktar xogħol riċenti tal-iskultur hu l-bust tal-magħruf Patri Avertan Fenech li kien Mosti wkoll u li tpoġġa fit-tarf tat-triq imsemmija għalih, biswit Ġnien Reggie Cilia.

Jiena u Savio tkellimna wkoll dwar xogħlijiet kkummissjonat barra mill-Mosta. Fost dawn hemm statwa ta' Ġesù fil-ġebel għolja żewġ metri li saret fuq kummissjoni tas-Sur Nazzareno Vassallo li tinsab ġewwa l-palazz tiegħu f'San Martin, limiti ta' San Pawl il-Baħar.

Fl-2007 għamel ukoll monument funebri fl-irħam ta' Maria Teresa Nuzzo kkummissjonat mill-Kongregazzjoni Ulied il-Qalb ta' Ġesù li jinsab fil-Kappella tas-Samra ġewwa l-Ħamrun.

Statwa ta' Santa Liena ta' 9 piedi bil-pedestal kkummissjonata mis-Sur Nazzareno Scerri minn Birkirkara tinsab fuq il-faċċata tad-dar tiegħu ġewwa l-pjazza ta' Santa Liena f'Birkirkara.

Għandu wkoll Kurċifiss fl-injam kkummissjonat mill-Bank of Valletta li jinsab fil-*boardroom* taċ-*Chairman* tal-istess bank ġewwa l-*Head Office* fil-Belt Valletta u li kien għamel fl-2004.

Jiena u Savio tkellimna wkoll fuq xi wirjiet personali li tella'. L-ewwel waħda kienet dik imsejħa 'Pilgrims of Dust' fl-1995 ġewwa l-Museum of Fine Arts, Valletta u l-oħra 'Buzzetti' fl-2003 ġewwa r-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone.

L- iskultur qalli li ħa sehem f'ħafna wirjiet kollettivi kemm f'Malta u kemm barra minn xtutna. L-artist ipparteċipa f'simposju ta' skultura ġewwa l-belt ta' Ispica fi Sqallija fl-1996. Ipparteċipa f'esebizzjoni tal-arti bit-tema 'Mediterrannea' fil-ġnien botaniku ta' Brussell fil-Belġju fl-1998. Ħa sehem ukoll fil-*biennale* tal-arti miż-żgħażagħ tal-Mediterran ġewwa Sarajevo, fil-Bożnja u Ħerzegovina fl-2001.

Għal-lum xejn aktar ħlief li minn qalbi nixtieq kull suċċess lil Savio u nirringrazzjah tat-tagħrif li tani biex b'hekk stajt nikteb dan l-artiklu.

Tislijiet.







# V&C Contractors Ltd

**General Contractors**

Vincent & Charles Borg (Directors)

Excavations | Demolitions | Rock Cutting | Trench Works
Plant Hire & Road Works | Large & Small Machinery
Drainage Connections | Jackhammer Works

'Whyte Harte' Triq il-Kostinjus, Naxxar, NXR6352
Tel: 2142 0086 | Fax: 2141 5832 | Mobile: 7949 4661 / 7942 4661
Email: info@vccontractors.com
Website: www.vccontractors.com

# Toroq mogħtija wiċċ ġdid

Il-Kunsill dejjem għaddej b'xogħol fuq toroq fil-Mosta li jkollhom bżonn tiswija. Imma ma' dawn qiegħed ukoll jagħti wiċċ ġdid lil dawk it-toroq li l-akar ikollhom bżonn. F'din il-paġna qed inġibu erbgħa minn dawk li saru dan l-aħħar:

1. Triq il-Papa Piju XII
2. Triq l-Ortolan
3. Triq S. Fiteni
4. Triq Ta' Mlit












Idea Workmate
Home & Tool Centre

214, Eucharistic Congress Road, Mosta
Tel: 21 381 941
Open All Day: 9:00am - 7:00pm
Saturday: 9:00am - 1:00pm
DECEMBER: Sundays & Public Holidays 9:00-1:00pm




- STANLEY: HAND TOOLS, ADHESIVES, SEALANTS & TAPES, POWER TOOLS
- HOUSEHOLD ESSENTIALS
- FURNITURE & PLASTIC STORAGE SOLUTIONS
- SHOWER CUBICLES & WATER HEATERS
- SEASONAL PRODUCTS: FANS & HEATERS, GARDEN FURNITURE
















30 CHRISTMAS BUNDLE GIFT OFFERS starting from €12

FREE DELIVERY MALTA & GOZO

Midea · Micron Electric · STANLEY · natura mia · am · TESY the comfort generation · TOOMAX
GENSINI · DEA home · DURALEX · WESTMARK · F Living Furniture · YOVA · ADLER EUROPE · Vaillant

# Is-saħħa u s-sigurtà fid-dar





Nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju 2014, il-Kunsill tella' attività edukattiva organizzata mill-kunsilliera Marthese Mifsud. Fis-Sala tal-Kunsill saret diskussjoni dwar is-saħħa u sigurtà ġewwa djarna. Attendew għal din id-diskussjoni diversi residenti li wrew interess kbir f'dan is-suġġett. Il-Kunsill ħalla f'idejn il-konsulent Jonathan Callus biex imexxi d-diskussjoni. Kienet diskussjoni interessanti b'użu ta' ħafna ritratti u slides u b'eżempji prattiċi għar-residenti tagħna. Il-Kunsill iddeċieda li jorganizza aktar diskussjonijiet edukattivi ta' dan it-tip għar-residenti tagħna fil-futur qarib. Inkunu qegħdin nagħtukom id-dettalji fil-ġimgħat li ġejjin.

# Sports weekend *mis-16 sat-18 ta' Mejju*

Illum kulħadd jaf li l-eżerċizzju hu importanti għas-saħħa tagħna. Ftit eżerċizzju fiżiku kuljum hu rakkomandat biex, flimkien ma' dieta tajba, ngħinu lil ġisimna jiffunzjona aħjar. Il-Kunsill ħaseb li dan il-kliem ipoġġieh fil-fatti u għalhekk, bejn is-16 u t-18 ta' Mejju, organizza attivitajiet u ħeġġeġ lin-nies biex jieħdu sehem fi ftit ħin ta' eżerċizzju. Ħassejna li l-konkorrenza setgħet kienet aħjar imma emminna li hu importanti li għallinqas nuru l-bżonn u l-pjaċir tal-eżerċizzju fiżiku permezz tal-parteċipanti li għenu biex din l-attività tittella'. Nittmaw li l-Mostin jieħdu din id-drawwa utli li jiddedikaw ftit mill-ħin tagħhom f'xi forma ta' sport jew attività oħra li tgħinhom ibgħiedu l-mard u jissaħħu fiżikament u mentalment.







# Ell's

## Urban Services Ltd.

**Email: elles_urban_services@yahoo.com**
**Mob: 99495875**
**82, Thomas Dingli Street, Mosta.**



Patching Works & Pavements
Mechanical Sweeping and Street Cleaning
Street Furniture
Rubber Traffic Road Calmers
Road Markings & Signs

# Il-Bank HSBC jgħin lill-Kunsill









Matul din is-sena konna onorati li HSBC Mosta għażel li jaħdem għall-beneficċju tal-lokalità tagħna f'żewġ okkażjonijiet.

Nhar l-14 ta' Mejju ltqajna ma' diversi membri tal-istaff ta' din il-fergħa tal-HSBC fil-Mosta waqt li dawn kienu qed inaddfu Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Apprezzajna nsegwu nies li soltu narawhom puliti wara skrivanija jmiddu jdejhom għax-xogħol armati b'ingwanti, pali u xkupi, jiġbru l-iskart minn dan il-ġnien u jimlew numru ta' boroż. Ġnien l-Għarusa tal-Mosta huwa post mill-isbaħ imma sfortunatament qed jispiċċa kuljum fil-mira ta' nies li jivvandalizzawh u jitfgħu kull tip ta' skart fejn ġie ġie. Apparti l-boroż u fliexken relatat mal-ikel u x-xorb, inġabar ukoll skart relatat mal-bini u skart ieħor tad-dar bħal bramel taż-żebgħa, kaxxi, siġġijiet, imwejjed u affarijiet oħra tad-dar.

Jidher ċar li ħafna nies ma jridux jużaw is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff (*bulky refuse*) offrut mill-Kunsill. Dan is-servizz hu b'xejn. Kull ma jridu jagħmlu huwa li jċemplu l-Kunsill u jsaqsu għal dan is-servizz.

Nhar it-18 ta' Novembru, imbagħad, kellna attività oħra minn HSBC Mosta. Din id-darba l-impjegati tal-bank għażlu li jħawlu s-siġar fil-Mosta. F'Santa Margerita, propju f'dik il-parti ta' dan l-*estate* li jmiss ma' Vjal Ragusa, tħawlu tletin siġra. L-impjegati kollha għażlu s-siġra tagħhom u fi ftit minuti sebbħu għalqa oħra mdaqqsa fil-lokalità tagħna.

Nieħdu din l-opportunità biex nirringrazzjaw lil HSBC Mosta speċjalment lill-Maniġer, Michael Tabone, tal-interess li qed jieħdu fil-Mosta.

Grazzi u napprezzaw!

# Mosta Youth Empowerment Centre 2004 - 2014

# L-ewwel għaxar snin - Grazzi!

**Matul din is-sena ċċelebrajna l-għaxar snin mit-twaqqif taċ-Ċentru taż-Żgħażagħ fil-Mosta u ħafna mill-familji setgħu jaraw l-attivitajiet li saru għal uliedhom stess f'Malta u barra minn Malta tul dawn is-snin. Forsi jkun hemm min jistaqsi: 'Allura? Imbilli saru dawn l-attivitajiet, x'ħadu ż-żgħażagħ?'**

Kieku kelli nwieġeb fil-qosor, kont ngħid li ż-żgħażagħ ibbenefikaw minn edukazzjoni informali – dik l-edukazzjoni li tingħata barra mill-klassijiet tal-iskola. Iktar minn edukazzjoni, hija formazzjoni u mixja ta' żvilupp, li llum tant hi meħtieġa u allura għandha tkun apprezzata. Hija forma ta' edukazzjoni li tgħin liż-żgħażagħ jibnu l-karattru tagħhom b'metodi umani li ma jsibux fil-kotba jew fuq l-internet. Huwa l-mod kif jibnu l-karattru, jitgħallmu minn xulxin, jaċċettaw lil xulxin, jaħdmu id f'id bħala tim u jibnu attitudni pożittiva lejn dak li hemm madwarhom – fid-dar, fl-iskola, fuq ix-xogħol, fid-divertiment u fl-ambjenti kollha madwarhom.

Hija meħtieġa tħejjija akkademika tajba minn dawk li jkunu jridu jimpenjaw ruħhom f'dan il-qasam pjuttost ġdid ta' ħidma fost iż-żgħażagħ. Illum ir-rwol tal-*Youth Workers* hu meqjus bħala professjoni li tistabilixxi serjetà, responsabbiltà u fuq kollox etika fil-ħidma u kuntatt maż-żgħażagħ – li ħafna drabi jinvolvi wkoll kuntatt mal-familji wkoll. Iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ fil-Mosta fl-aħħar snin ma serviex biss bħala post fejn iż-żgħażagħ jiltaqgħu u jitgħallmu jaħdmu flimkien, imma wkoll post ċentrali fejn ikomplu jiżviluppaw bħala individwi u bħala grupp. Għalkemm jingħataw kull spazju għal dan l-iżvilupp, jingħataw ukoll gwida u pariri siewja f'mument speċjali f'ħajjithom meta tul l-adoloxxenza jwessgħu l-mod kif iħarsu lejn il-ħajja – fl-immedjat u fil-futur. Dan hu l-qofol ta' dak li nifhmu bħala edukazzjoni informali.

**Edukazzjoni informali**

Imma din hija wkoll kontinwazzjoni mal-edukazzjoni formali – dik fl-iskola. Minn xi sitt snin 'l hawn bdew jiġu ngaġġati *Youth Workers* fil-Kulleġġi u fil-fatt fl-iskejjel mis-sena li għaddiet tnieda *Secondary School Certificate and Profile* li qabel konna nafuh bħala *School Leaving Certificate*. Id-differenza hija l-għarfien tal-edukazzjoni informali (dawk l-attivitajiet li jsiru barra mill-iskola bħaċ-Ċentru tagħna) u tal-edukazzjoni non-formali (l-attivitajiet li jsiru waqt il-*break* fl-iskola). B'hekk iż-żgħażagħ qed joħorġu mill-iskejjel bi kwalifika iktar kompluta, għax ma tinkludix biss riżultati ta' dak li jitgħallmu fil-klassi tal-iskola, imma ħafna iktar. Dan ifisser li ċ-ċertifikat jinkludi kulma jgħinhom jitgħallmu, jiżviluppaw u jimmaturaw. Ma jarhomx biss bħala studenti u x'jafu imma bħala persuni u x'ħiliet għandhom.

Huwa ta' sodisfazzjon għalina li il-Mosta Youth Empowerment Centre huwa wieħed mill-ewwel ħames organizzazzjonijiet Maltin li ġew rikonoxxuti u reġistrati mill-*Malta Qualifications Authority*. Din hija awtorità nazzjonali li żżomm reġistru ta' dawk iċ-Ċentri li joffru edukazzjoni informali, wara li tkun ċerta mil-livell ta' servizz li joffru. Ikollna nammetta li ħafna drabi

Anna Maria Grech
M.A.(Melit) B.A. (Youth & Community Studies)
Youth Worker Inkarigata

niltaqgħu ma' żgħażagħ li għalkemm ikunu bravi fl-istudji tagħhom, ma jkollhomx dawk il-ħiliet tant importanti għad-dinja ta' barra mill-iskola. Għalhekk l-importanza tal-edukazzjoni informali! Permezz tagħha narawhom iżidu l-kunfidenza fihom infushom, ikomplu jibnu l-karattru tagħhom, jitgħallmu jaħdmu flimkien u jżidu fil-parteċipazzjoni tagħhom fil-komunità għall-ġid tal-oħrajn. Forsi dan il-ġid ma narawhx fir-ritratti, imma żgur napprezzawh fl-attitudni u fl-imġieba tagħhom f'din il-fażi speċjali tal-iżvilupp tagħhom.

**Mijiet ta' żgħażagħ**

Dan kollu seħħ fiċ-Ċentru tagħna għal mijiet ta' żgħażagħ Mostin u oħrajn. Tassew li jien kont hemm bħala *Youth Worker* inkarigata tul l-għaxar snin kollha. Imma kulma sar seta' jsir biss bl-għajnuna ta' ħafna voluntieri. Tlift il-kont ta' kemm kellna voluntieri tul dawn is-snin imma żgur li mingħajr is-sehem tagħhom iċ-Ċentru ma kienx jikber kif kiber u ssaħħaħ tul għaxar snin. Hemm voluntieri oħrajn li jgħinu fiċ-Ċentru permezz ta' ħiliet differenti, dawk artistici bħal Mrs Camilleri li rnexxiela tħawwad il-kuluri u iġibhom tant bl-eżatt għat-tpinġijiet li għamilna dan l-aħħar fl-Istitut tal-Ursolini; Mrs Sant u Mrs Debono li bit-talenti tagħhom ta' kif jagħmlu l-ħelu għenu biex jinġabru l-fondi għall-ispejjeż li jkollna.

Ma nistax insemmi l-voluntieri jekk ma nsemmix lil Mrs Sant, li nafuha aħjar bħala Isabella, li tmexxi l-gruppi *Forever Young* u l-*Young Youth*. Ta' min jgħid li tant żdiedu ż-żgħażagħ li jattendu




ċ-Ċentru li kellna naqsmuhom fi gruppi skont l-età tant li llum il-Mosta Youth Empowerment Centre jiġbor fih ħafna gruppi ta' żgħażagħ.

Qiegħda nikteb waqt li niftakar fid-diskors li għamilt meta flimkien fakkarna dak li għaddejna minnu tul għaxar snin ta' ħidma kontinwa. Dakinhar urejna filmati u ritratti tal-esperjenzi taż-żgħażagħ u ċ-Ċentru tagħhom fil-Mosta. Fost affarijiet li ma rajniex fil-filmat kienet id-dieqa f'qalbna f'mumenti differenti bħal meta kien hemm dubji jekk iċ-Ċentru kienx se jibqa' miftuħ. Imma finalment il-fatti ta' ġid li wettaqna kkonvinċa lill-Kunsill jibqa' jsostni dan iċ-Ċentru. Kellna waqtiet oħra ta' niket meta żewġ żgħażagħ tagħna tilfu lil ommhom, meta voluntieri tagħna tilfet lil huha, meta tnejn

ikompli paġna 23 ››


GLAMOUR
Nikita's
Hair Salon
SPECIAL OFFER
MONDAYS -
THURSDAYS
FULL COLOUR
& BLOW-DRY
Only €30
on presentation
of this advert
GLAMOUR, TRIQ IL-QALBIENA MOSTIN, MOSTA MST 2358, MALTA. MOBILE: 7947 4271


CONVERT YOUR CAR TO AUTOGAS AND SAVE!!!!!!!
Acheck Garage MOSTA
Acheck Ltd - VRT Station, Mosta
Tel 21432656 / 99441297
www.autogas.com.mt
LPG Conversion
SAVE €€€
SAVE €€€
SAVE €€€
SAVE €€€
SAVE €€€
SAVE €€€
SAVE €€€
YARIS
TERIOS
TOYOTA YARIS 996cc 2006
236 Km with €24 PETROL
459 Km with €24 LPG
FIGURES BASED ON FACTUAL TESTS IN MALTA
DAIHATSU TERIOS 1295cc 2002
196 Km with €24 PETROL
372 Km with €24 LPG
FIGURES BASED ON FACTUAL TESTS IN MALTA
Acheck Garage
www.acheckgarage.com
LPG Conversion
www.autogas.com.mt
towbarshop.com
www.towbarshop.com

« minn paġna 21

minna kellhom sitwazzjoni ta' mard serju, meta waħda mill-voluntiera tagħna, Dorothy Casolani, marret għal ħajja ta' dejjem. Minkejja d-dmugħ dawn kienu mumenti importanti fejn iż-żgħażagħ tagħna komplew jikbru fis-solidarjetà umana.

### Kwalità mhux kwantità

B'hekk naraw li għalkemm għaxar snin jidhru ftit, il-ħajja ta' dan iċ-Ċentru kienet waħda siewja ħafna u miżgħuda b'ħafna esperjenzi ta' ġid għaż-żgħażagħ tagħna. Ngħid dan kollu bla ma ninsa l-għadd kbir ta' *Youth Exchanges* li kellna, f'Malta u f'ħafna pajjiżi oħra madwar l-Ewropa kollha. Il-mijiet ta' żgħażagħ Mostin ma jinsew qatt dawn l-esperjenzi, kif ma jinsewx it-taħriġ li ħadu barra l-pajjiż il-voluntieri li offrew ħinhom b'impenn dejjem ikbar liż-żgħażagħ tagħna. Tajjeb inżid li f'dan kollu konna kontinwament għassa biex niksbu mijiet ta' eluf ta' ewro minn fondi Ewropej – dejjem awditjati bl-iktar mod skrupluż – biex f'dan kollu bl-ebda mod ma nkunu ta' piż għall-familji, anzi nkunu ta' appoġġ għalihom.

Kieku xi ħadd kellu jistaqsini jekk għandniex xi bzonnijiet, niżgurakom li l-lista tkun twila. Imma hemm żewġ affarijiet ta' prijorità: lift għaż-żgħażagħ f'*wheelchair* u għajnuna ta' adulti b'qalb ġeneruża biex jgħinuna niftħu ċ-Ċentru bħala *drop-in centre* darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn.

Tassew, bdejna għaxar snin ilu bi ftit nies imma b'missjoni ċara: li nkunu ta' servizz għaż-żgħażagħ Mostin. Nistqarr bi kburija personali u kollettiva li dik il-missjoni baqgħet sħiħa, anzi kompliet tissaħħaħ. Fuq kollox mhix il-kwantità li tgħodd meta toffri servizz, iżda l-kwalità tal-impenn tagħna.

### Grazzi kbira!

Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja l-ewwelnett lill-familja tiegħi li b'tant paċenzja jissaportu l-ħinijiet twal li nqatta' fiċ-Ċentru, lill-Kunsill Lokali tal-Mosta għall-appoġġ li jagħtina, liż-żgħażagħ infushom u l-ġenituri li juru fiduċja fina u – żgur mhux l-inqas lill-volontieri li dejjem jagħtu tant mis-saħħa u l-ħin tagħhom. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li għenu fiċ-ċelebrazzjonijiet li fakkru l-ewwel għaxar snin taċ-Ċentru, fosthom il-Kunsill Lokali, l-Aġenzija Żgħażagħ, u s-Sur Robert Andolfi li għamlilna r-rigali.

Għaddew l-ewwel għaxar snin 2004 – 2014. L-impenn tagħna jkompli....



# Cube of Life inaugurated



Jessica Vella, Art Teacher, Mosta Boys' Secondary School

The Cube of Life is a collaborative graffiti art project between Maria Regina College and graffiti artist James Micallef Grimaud. This project was funded by the Office of the President of Malta under the scheme of 'Il-Premju tal-President għall-Kreattività' through the initiative of the College Youth Worker, Anna Maria Grech. The 6-faceted cube illustrates some of the basic Human Rights which the participating students and young people considered to be most important.

The cube was installed in Karlu Darmanin Street in Mosta with the help and support of the Mosta Local Council on the 9th of November 2013 and was completed by April 2014. The participating students from both Maria Regina Boys' and Girls' Secondary Schools have met regularly with Mr Micallef Grimaud, Ms Grech and myself, throughout this period, and following numerous sessions of brainstorming and discussion, practical sessions were held at Maria Regina College and at the Mosta Youth Empowerment Centre to plan their work and to finalise the stencils needed. Subsequent sessions were then held on site where the cube was installed, so as to spray paint each side using the stencils prepared.

From the thirty basic Human Rights specified by the Universal Declaration of Human Rights in 1948, the students taking part in the project chose to focus on the following:

- The Right to Seek a Safe Place to Live
- A Fair and Free World
- The Right to Education
- The Right to Play
- Freedom to Move
- Freedom of expression

Besides illustrating various Human Rights, each side was also made more visually interesting by having a distinct colour making up a complete colour chart of both primary and secondary colours. The most prominent side symbolises the united power that youth and future generations have. This facet portrays a powerful image of the group of young people united together to safeguard Human Rights. The adjacent side is about 'The Right to Seek a Safe Place to Live' emphasising the importance of living in a healthy environment. This side depicts the world surrounded with that which is considered both natural and beneficial to our ecosystem and that which is man-made, polluting and hazardous. Through such images the viewers are made

aware of the surroundings which they live in and perhaps lead us to appreciate our environment more.

Its adjoining side tackles the right for 'A Fair and Free World', focusing on the importance of peace in one's country. This facet displays a series of contrasting symbols of both war and peace including bombs, weapons of destruction, and a white dove. On the back side of the cube we find illustrated 'The Right to Education' which focuses mostly on its cyclical nature and on the symbol of wisdom – the owl. This side illustrates one's journey in education from primary to secondary and tertiary education, the world of work, and finally old age. It is precisely towards this end of the cycle that the viewer is made aware of how the older generation has the potential to teach the younger ones even through old age, thus making the education cycle an on-going and continuous process.

Connected to this side is another, portraying 'Freedom to Move', where the central image is that of someone pulling apart iron prison bars with light shining through, symbolising freedom. Surrounding this image one can see various common means of transport including helicopters, planes, cars, buses, motorcycles, boats and people walking. The remaining, sixth side, represents 'The Right to Play' and the importance of leisure activities. It is only by dedicating enough time to such activities that one can lead a healthy and productive life. Some of the images integrated in this side include that of a policeman, nurse, doctor, judge, mechanic, scientist and farmer. The former set of images displaying work life were subsequently complemented with images of the recreational activities that are needed to maintain a steady and optimum level of performance at work. The leisure activities illustrated were: a scene at the beach, reading books, riding a BMX bike, playing football and going for a car ride.

Besides generating more awareness on our basic Human Rights, the Cube of Life also provided all the contributing participants with the opportunity to work and learn together as a team. This project has made it possible for a multi-disciplinary team including the youth worker, the artist, the teachers, the learning support assistants, the students, and the young people from the community, to come together to discuss new ideas and to find means by which to visually illustrate and develop these through graffiti art.

On the 27th of May, Her Excellency the President of Malta, Ms Marie-Louise Coleiro Preca, inaugurated the Cube of Life in the presence of the Mayor of Mosta, Dr Shirley Farrugia, the College Principal, Mr Mario Testa, the College Youth Worker Ms Anna Maria Grech, staff members from Maria Regina College, students, young people and residents of the area. In her speech, the President of Malta encouraged the young people to continue working together and respect each other.

The President of Malta H.E. Marie-Louise Coleiro Preca inaugurating the Cube of Life



# Silverstar Transport



**COACHES - CABS - MINIBUSES**

Silverstar Transport Ltd.
Summer Street, Mosta

Tel: 2141 4143, 2143 8598
Mob: 9949 4498, 7949 4498

*Termini u Kundizzjonijiet japplikaw

**B'XEJN***

# KORSIJIET tal-KOMPJUTER mill-BIDU NETT u l-INTERNET




tctc
www.tctcmalta.com

IDEALI GĦALL-ĠENITURI, ADULTI, ANZJANI U NISA TAD-DAR

*Għal aktar informazzjoni ċempel il-kunsill lokali fuq 21416841. Il-Korsijiet jibdew f'Marzu 2015. Ma' kull applikazzjoni ssir il-ħlas ta' €10 għall-ktieb tan-noti li jingħataw wara r-reġistrazzjoni. Il-kors huwa B'XEJN! Postijiet limitati.

# Il-YEC minn għajnejn il-ġenituri

Tanya u Joseph Debono

Irċevejna karta. Kien l-2004. Kienu qed ifittxu żgħażagħ, għax kien se jiftaħ ċentru ġdid fil-Mosta. Tanya kienet ħeġġet lil Andrew, il-kbir tagħna, u lil xi ħbieb oħra tiegħu biex jidħlu.

Hekk bdiet ir-relazzjoni tagħna mal-Mosta Youth Empowerment Centre, għaxar snin ilu. Kien bidu sempliċi, u ma kienx ta' indikazzjoni li se jwassal għal dak li hu llum. Imma mill-ewwel inqalgħet okkażjoni ta' *exchange* l-Italja, u Andrew intgħażel biex imur. Bħala ġenituri nkwetajna ftit li kien sejjer għal din l-avventura ġdida, imma kollox għadda b'wiċċ il-ġid, u għal Andrew kienet esperjenza sabiħa.

Ftit wara fl-2006, daħal Peter, iż-żgħir tagħna. Miegħu, bis-saħħa ta' Tanya, kienu daħlu numru sabiħ ta' ħbieb tal-iskola. B'hekk kienet bdiet it-tieni ġenerazzjoni ta' żgħażagħ. U nista' ngħid li dan il-grupp ikkonsolida l-futur taċ-Ċentru. Bdew jingħataw iċ-ċans li jorganizzaw attivitajiet, jieħdu sehem f'laqgħat li kienu jorganizzawhom huma stess, sakemm żmien wara waslu biex bdew jieħdu ħsieb lil dawk iżgħar minnhom fil-YY club. B'dawn l-attivitajiet aħna rajna lil Peter, u lil sħabu kollha, jikbru u jimmaturaw. Kemm fir-relazzjoni ta' bejniethom u kif ukoll mal-oħrajn. Kibru fis-sens ċiviku meta organizzaw attivitajiet għall-anzjani, jew meta sebbħu l-*Creche* bit-tpinġija kulurita mal-ħajt. U meta taw sehemhom fil-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

U mhux hawn Malta biss. Marru *exchanges* Spanja, il-Belġju, l-Irlanda ta' Fuq, il-Finlandja, il-Portugall, it-Turkija, l-Isvezja u l-Estonja. U lista itwal ta' pajjiżi li ż-żgħażagħ tagħhom ħadmu u tħalltu magħhom waqt dawn l-esperjenzi. Id-dar dejjem nistaqsu: "Kemm hawn żgħażagħ li kellhom dawn l-esperjenzi kollha f'qasir żmien?" Ftit. Veru li meta jkunu sejrin, dejjem ninkwetaw xi ftit, bħall-ġenituri kollha, imma bis-saħħa tax-xogħol u l-kuntatti li għamlet Anna flimkien mal-*leaders*, tul dan iż-żmien, dejjem kollox mar sew.

Dwar dawn l-*exchanges* għandna kwistjoni d-dar li għadha għaddejja sal-lum. Meta kien hemm l-*exchange* ta' Toledo fl-2010, Peter kien ser jagħmel l-*O levels*. Aħna ħassejna li ma kienx il-waqt li jmur *exchange* f'Diċembru, minħabba l-eżamijiet, u ma marx. Għadu jipprotesta fuqha sal-lum. Tgħid ma fehemx li għall-ġid tiegħu?

Għidt li dejjem kollox mar sew. Dejjem, le. Naħseb żmien ikrah li għexna kien meta kien jinħass dubju jekk il-Kunsill kienx ser jibqa' jsostni lil YEC, ħaġa li bqajt ma nistax nifhimha sal-lum. Imma nittama li dak iż-żmien għadda, u li d-deċiżjoni li ħa l-Kunsill li jibqa' jgħin lill-YEC, kulħadd jista' jara li kienet waħda tajba, għall-ġid taż-żgħażagħ, u li ħalliet frott għall-ġid tal-Mosta.

Bħala ġenituri rajna dan iċ-Ċentru jikber tul dawn l-aħħar għaxar snin. U rajna lil dawn iż-żgħażagħ jikbru miegħu, f'ambjent fejn huma għandhom sehem kbir fit-tmexxija u fejn huma wkoll iġorru r-responsabbiltà. Dawn huma żewġ ħiliet li huwa tajjeb li jkomplu jitkattru, għax b'hekk fil-Mosta u f'Malta, jista jkollna soċjetà aħjar. Ta' dan kollu ngħid grazzi lil Anna Maria Grech, u lil kull min ta sehemu biex il-YEC għamel dan kollu f'temp ta' għaxar snin!



# Youth Exchange - Estonia 2014
# 'Divided by Borders, United by Ideas'

Nicholas Borg

Back in 2012, we started a collaboration with two other youth organizations – one from Estonia and another from Turkey. Every year an application for funding was submitted and approved. We visited Turkey in 2012, and last year we hosted our friends here in Malta. Both projects were featured in the Council magazine *Il-Kunsill Tiegħek* of the time. This year a third project was approved and therefore young people from our Centre visited Estonia.

Between the 17th and 25th of July, a group of 14 youths from the YEC were invited to Viljandi, Estonia project. The title of this youth exchange was 'Divided by borders, United by ideas'. The main theme was Democracy and during our stay in Estonia we were presented with a number of activities linked to the subject.

Estonia was one of the many countries that were under Soviet domination during the Cold War. In fact this was one of the main features of this youth exchange with a visit to the Baltic Chain Monument, the Occupation Museum in Tallinn and an interesting talk with a person who was entrusted with managing a 2km stretch of a 1989 human chain around Estonia, Latvia and Lithuania. The Baltic Way or Baltic Chain (also known as the Chain of Freedom, was a peaceful political demonstration that occurred on 23 August 1989. Approximately two million people joined their hands to form a human



chain spanning 675.5 kilometres (419.7 miles) across the three Baltic states – Estonian SSR, Latvian SSR, and Lithuanian SSR (Soviet Socialist Republic).

The hostel was situated just five minutes away from Lake Viljandi. This made it possible for us to enjoy a vast number of activities in the lake and the surrounding beach. We had boat rides around the lake, rowing, swimming and diving.

On one of the days we visited a small town with the name Abja-Paluoja and met a young female politician who explained to us the way the local council operates, the importance of being active citizens, and also how she got involved in politics.

Our visit to Estonia coincided with a typical Estonian summer festival. Music is a common language and it was obvious that the summer festival was great to share with everyone. It was interesting to note that young people enjoy the same things and music is one of them.

We also visited Pärnu, known as the official summer capital of Estonia. In Pärnu we had time to swim in the Baltic Sea and explore the beautiful seaside village. We also met a young politician with whom we discussed on how young people could be more involved in politics.

Our last stop was Tallinn, Estonia's capital city. After visiting the famous Lauluväljak which translates into Tallinn Song Festival Grounds, we headed to the Presidential Palace. We were privileged to be offered a private tour of the palace and we also had a stroll in the grounds surrounding it. Next up was the Occupation Museum, which gave us a taste of the grim realities which the Estonian people faced during the Soviet occupation. We also managed to explore the picturesque old town of Tallinn.

Such enriching experiences are greatly beneficial to young people who take this opportunity to travel on such exchanges thanks to the Erasmus+ platform. Through the informal sharing of information between the participants, one truly learns a great deal about other people's culture and their way of life – by far better than what we can read in textbooks!







# Youth Exchange - *Spanja 2014*

# F'Toledo ddiskutejna d-diskriminazzjoni

Tanya Debono

L-avventura tagħna bdiet dakinhar li kien hemm *blackout* totali fil-gżejjer Maltin. Minħabba f'hekk, t-titjira ttardjat b'xi erba' sigħat. Konna grupp ta' tmien żgħażagħ mimlija ħajja, u Isabella u jiena bħala l-*leaders* tagħhom. Kellna ċans insiru nafu aktar lil xulxin u sakemm stennejna, tkellimna u kantajna wkoll.

Tlaqna, tirna u wasalna – għajjenin iżda mimlijin entużjażmu. Issetiljajna fil-post u wara xi ftit sigħat konna lesti biex nibdew nesploraw madwarna sakemm sar il-ħin biex niltaqgħu mal-gruppi l-oħra. Konna grupp sabiħ ilkoll flimkien għax magħna l-Maltin ingħaqdu l-Ispanjoli, ir-Rumeni u l-Litwani. It-tema li ntgħażlet għal din l-*exchange* kienet id-Diskriminazzjoni.

Kienet *exchange* imżewqa ħafna. Kellna ħafna mixi, u meta tmur Toledo lesti ruħek għat-tlajja'. Belt antika, toroq dojoq u mdawra b'ħitan u ġmiel ta' arkitettura kull fejn tħares. Waqt li mxejna, iffurmajna gruppi ta' tnejn u sirna nafu nies minn gruppi oħra. Kull filgħaxija konna niltaqgħu bħala grupp sħiħ fejn soltu nieklu u filwaqt li doqna l-*gaspacho* (soppa tat-tadam kiesħa) u ikel ieħor tipiku Spanjol, sirna nafu aktar dwar id-drawwiet u l-kultura ta' xulxin!

Biex niddiskutu t-tema tad-diskriminazzjoni, inqsamna fi gruppi u kull grupp ingħatatlu tema: immigrazzjoni, traffikar tan-nies, diskriminazzjoni fuq gruppi etniċi bħar-Roma (*gypsies*), eċċ. Dan kien il-proġett li kellna naħdmu fuqu sal-aħħar ġurnata meta kull grupp għamel reċta qasira quddiem il-gruppi l-oħra biex iwassal il-messaġġ tiegħu.

Kellna wkoll logħob ta' *team-building* biex dejjem nitgħallmu aktar kif naħdmu flimkien. Kollox kien immirat biex nidraw u nifhmu aktar lil xulxin! Fl-opinjoni tiegħi l-*International Night*, waqt laqgħat bħal dawn, huwa mezz mill-aqwa biex pajjiż isir jaf aktar dwar il-pajjiżi l-oħra – forsi għax kulħadd jinteressah l-ikel! Il-mejda tagħna l-Maltin kienet waħda mill-aktar mimlija! Fi spirtu żagħżugħ fraħna flimkien bi żfin u logħob u, mela le, kilna wkoll!

Kellna bosta ħargiet kulturali. Xi ġmiel li fil-festa tal-Assunta konna fil-katidral maestuż ta' Toledo! Morna l-*Alcazar*, bini grandjuż li qabel kien ħabs u llum fih mużew militari. Żorna moskea, sinagoga u anke l-mużew El Greco. Bħala parti mit-tema tal-*exchange* żorna lil Senor Cipriano, anzjan li jiġbor ikel u mediċinali minn *supermarkets* u kumpaniji kbar u jqassamhom lil dawk il-persuni li huma fil-bżonn. Morna wkoll id-dar tal-Caritas ta' Toledo, fejn spjegawlna x-xogħol kbir li jwettqu.

Fuq kollox kienet esperjenza unika li għexna ħamest ijiem f'kastell! Kastell ta' vera, mimli storja u... bil-friefet il-lejl b'kollox!







L-aħħar ġurnata waslet ukoll. Imma ridna li l-ħbiberija ma tiqafx hemm. Ħadna l-indirizz elettroniku ta' xulxin u kulħadd lest biex iżid il-ħbieb ġodda anki permezz tat-teknoloġija, l-aktar fuq Facebook. Kienu għaxart ijiem ta' ħbiberija fejn irrappreżentajna l-Mosta u lil pajjiżna bis-sehem li ħadna f'kull attività.

Ninsab ċerta li din l-esperjenza, li għal bosta fil-grupp kienet l-ewwel darba barra minn pajjiżna, se tibqa' mhux biss fil-memorja iżda f'qalbhom ukoll.

Grazzi Mosta Youth Empowerment Centre għal opportunitajiet bħal dawn għaż-żgħażagħ Mostin!






# Il-Proġett tal-grupp
## Forever Young




Rachel Spiteri

Il-grupp *Forever Young*, taħt it-tmexxija ta' Isabella Sant u volontieri oħra, daħal b'ruħu u b'ġismu għal proġett li ġie iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-fond *Youth in Action*. L-għan ta' dan il-proġett kien li nsibu l-għeruq ta' raħal twelidna, il-Mosta. Infatti, l-proġett iġib l-isem ta' 'Unearthing our Ancestors'.



Il-proġett dam sejjer madwar disa' xhur, u matul dan il-perjodu tellajna bosta attivitajiet. Uħud mill-attivitajiet li organizzajna kienu, vox pop, biex nifhmu kemm il-Mostin jafu fuq raħalhom u *treasure hunt* li l-ħjiel li ngħataw kienu jwasslu għal wieħed minn seba' postijiet storiċi. Intervistajna wkoll lil Dr George Cassar, storiku Mosti, li qalilna aktar fuq dawn is-siti. Wara tellajna dokmentarju flimkien u organizzajna *tours* fit-toroq tal-Mosta. Saħansitra rnexxielna wkoll intellgħu *play* ta' waħda mill-aktar leġġendi magħrufa li hawn fil-Mosta, dik tal-Għarusa tal-Mosta.





Kull bidu għandu tmiemu, hekk jgħidu u hekk hu! Il-proġett wasal fi tmiemu u kellu tmiem posittiv għaliex minnu tgħallimna ħafna, mhux biss l-istorja imma wkoll il-kwalitajiet tal-ħajja, fosthom kif naħdmu aktar f'tim, nibnu *self-confidence, communication skills* u anke ħarġu t-talenti u l-ħiliet moħbija ta' xi wħud. Grazzi kbira tmur lill-organizzaturi u ġenituri għall-paċenzja kbira li ħadu bina, u kieku ma kienx għalihom dan il-proġett ma kien jittella' bl-ebda mod. Grazzi tmur ukoll għall-pubbliku u l-kontribuzzjoni li tana.



# Jingħataw 'Ġieħ il-Mosta' 2014

George Cassar

Nhar l-14 ta' Settembru saret iċ-ċerimonja li fiha jitfakkar Jum il-Mosta. Matul is-serata kien hemm siltiet mużikali u oħrajn letterarji, filwaqt li saret ukoll rappreżentazzjoni drammatizzata tal-leġġenda magħrufa marbuta ma' Wied l-Isperanza u l-għar li propju fuqu kienet qed issir din is-serata. Ippreżentaw is-serata Claire Micallef, Martha Quattromani u Joe Quattromani. Il-mużika kienet ipprovduta mill-Mirabitur Youth Choir taħt it-tmexxija ta' Simone Attard u ta sehmu wkoll fuq il-kurunetta Paul Busuttil.

Is-Sindku Dr Shirley Farrugia ppreżentat għan-nom tal-Kunsill Lokali u l-lokalità tal-Mosta l-onorifiċenza Ġieħ il-Mosta lil Alfred C. Sant u lill-Oratorju Marija Immakulata. Hawn xi tagħrif fuq l-onorati tal-2014.

**Alfred C. Sant**

Twieled u għex il-Mosta sa qabel iżżewweġ. Hu kellu l-ħajra li jikteb il-kanzunetti sa minn meta kien għadu student jattendi l-Oratorju Qalb ta' Ġesù.

Alfred C. Sant huwa wieħed mill-esponenti ewlenin tal-kanzunetta Maltija. Kemm bħala awtur kif ukoll bħala kompożitur, kellu suċċessi mhux biss lokalment iżda rrappreżenta lil Malta f'diversi festivals internazzjonali f'pajjiżi fosthom il-Ġappun, iċ-Ċilì, il-Każakstan, l-Awstralja, l-Irlanda, il-Kanada u t-Tuneżija. Irrappreżenta lil Malta darbtejn permezz tal-lirika tiegħu fil-*Eurovision Song Contest* li saru fl-Irlanda u fl-Isvezja. Numru ta' premjijiet u trofej intrebħu għal Malta f'dawn il-konkorsi.





Barra milli kiteb għal kantanti stabbiliti, kien wkoll jikteb kanzunetti għat-tfal u żgħażagħ u waħda minn dawn kienet 'Il-Merill Twitt Twitt', li kienet popolari ħafna fis-snin tmenin. Huwa ukoll kittieb ta' drammi għall-palk, għar-radju u għat-televiżjoni. Fost il-*musicals*, insibu 'L-Għarusa tal-Mosta' li kien ikkummissjonat biex jikteb fl-1993 u li ntwera fit-teatru ta' Dar il-Mediterran bil-parteċipazzjoni ta' wħud mill-aqwa talent lokali.

Tul is-snin sebgħin u anke fis-snin tmenin, il-kanzunetti tiegħu kienu ntgħażlu bħala finalisti fil-*festivals* u kemm-il darba ħareġ bl-unuri. Għas-sehem tiegħu f'dan il-qasam, ingħata ġieħ fil-*Malta Music Awards*, fil-Maltin Oriġinali, fil-*One Productions Awards* u mill-*Australian/Maltese Chamber of Commerce*. Fil-konkors L-Għanja tal-Poplu ġie rikonoxxut għall-kontribut tiegħu lill-kanzunetta Maltija billi ngħata Ġieħ l-Għanja li Tibqa'.

L-ewwel kanzunetti ta' Alfred C. Sant, kienu joħorgu diski tal-*vinyll* sew *single* jew *albums*. U minn tal-bidu insibu 'L-ewwel tfajla li ħabbejt' fis-snin sebgħin, li kienet favorita ta' ħafna u nbiegħet bl-eluf. 'L-Għannej' u 'Qatt ma kont daqshekk ferħan', ukoll kellhom popolarità u mid-diski bdew imbagħad joħorġu fuq *cassette*. Wara waslet is-CD, u nsibu fost l-aqwa' kantanti Maltin joħorġu *compact disks* bil-kanzunetti ta' Sant.

Fost dawn kien hemm Mike Spiteri, Mary Spiteri, Tony Camilleri, New Courey u Freddie Castelletti li nkludew kanzunetti bħal 'L-aħħar bidwi f'Wied il-Għasel', 'Sa l-aħħar', 'Fejn tħobb il-qalb', 'Fjura fil-kantina', 'Marija, tfajla bla qalb' u 'Il-bagalja tal-injam'. Meta fl-1996 ħarġet *CD Compilation* bl-isem 'Burdati' bi sbatax-il silta kollha kanzunetti ta' Alfred C. Sant, din ġiet mogħtija l-unur bħala l-Aqwa CD tas-Sena fil-*Malta Music Awards*. Riċenti il-*Big Band Brothers* fis-CD tagħhom 'Ftakar', inkludew seba' kanzunetti fost it-tnax-il silta li fih l-album li huma kitba tiegħu.

Illum mis-CD it-teknoloġija għaddiet għall-kompjuter. Anke fuq il-kompjuter Alfred kien kiteb kanzunetta li ġiet ippremjata fl-ewwel post fil-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija fl-1984. U hekk illum fuq You Tube, ferm segwit, insibu li l-kanzunetti ta' Alfred qed jiġbdu ħafna ammiraturi li jtellgħu l-ammont ta' klikk għal aktar minn nofs miljun.

Għalkemm id-delizzju tiegħu f'dan il-qasam kien kollu frott l-entużjażmu u l-passjoni lejn il-kanzunetta, Alfred isemmi kemm swieh ta' ġid meta fis-snin tmenin ġie ikkummissjonat minn radju Libjan biex joħorġu diski *long play* għal dan l-istazzjon. Flimkien ma' kollaboratur ieħor Mosti, Ray Agius, ħadmu bi professjonalità meta marru fl-aqwa *studios* ta' Ruma jirrekordjaw.

Minn żmien għall-ieħor Alfred jiġi wkoll mitlub jikkontribwixxi kanzunetti għal raħal twelidu. Fost dawn hemm diversi innijiet ta' għaqdiet Mostin, bħall-innu tal-Mosta F.C. 'Come on Blues', l-innu tal-Għaqda Piroteknika 15 ta' Awwissu, l-innu tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù, u l-innu tal-Għaqda Filantropika Talent Mosti. Kiteb ukoll innijiet lill-każini tal-banda Mostin, 'Intennu l-Għanja' u 'Ir-Rotunda ssellem lill-Assunta'.

Il-lirika tal-kanzunetta tiegħu waslet ukoll barra minn xtutna fejn għall-ewwel darba, il-lingwa Maltija ġiet interpretata minn kantant ta' fama mondjali Claudio Baglioni, bil-kanzunetta 'L-Aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel'. Għal Sant kien naturali li jkun ispirat mill-ambjent ta' raħal tfulitu, li wkoll deher f'diversi kanzunetti bħal 'Il-Kuġin Ġiljan' u 'Miss Scicluna' li jfakkru b'ġieħ il-personalitajiet Mostin.

Sentejn ilu waqt il-*Malta Arts Festival*, ġiet imtella' serata ad unur Alfred C. Sant ġewwa l-Argotti, fejn il-*Big Band Brothers* għamlu kunċert kollu kemm hu b'kanzunetti ta' dan is-*song writer*. Kienet lejla ta' apprezzament għall-karriera ta' ftit anqas minn ħamsin sena. Kanzunetti li matul is-snin baqgħu

konsistenti fil-listi tal-programmi tar-radju u t-televiżjoni li huma xhieda li dan il-bniedem jitqies bħala wieħed mill-pijunieri u pilastri tal-kanzunetta Maltija.

Illum wara karriera ta' aktar minn erbgħin sena fiċ-ċivil, Alfred hu pensjonant u fost delizzji oħra għadu wkoll jikteb il-kanzunetta li tibqa' il-medium favorit għall-espressjoni tiegħu.

**Oratorju Marija Immakulata - Mosta**

Kien fil-bidu ta' Lulju 1974, meta Dun Salv Sammut, l-ewwel direttur tal-Oratorju, mar kollu ferħan ifittex lil Dun Alfred Camilleri biex jgħarrfu li f'idejhom għandhom iċ-ċwievet tad-dar Nru 58, Triq it-Torri. Kienu t-tliet aħwa Borg li b'ġenerożità kbira ħallew dan il-post għat-tagħlim tad-duttrina għat-tfajliet.

Id-dar kienet kbira ħafna u kellha magħha ġnien kbir sabiħ. Immedjatament beda x-xogħol.



Inbidlu xi soqfa, tbajdu l-kmamar u tneħħa parti mill-ġnien biex saret il-bitħa għal-logħob. Inxtraw il-bankijiet u tagħmir ieħor għall-klassijiet tad-duttrina.

Id-dar bdiet tintuża dik is-sena stess. Għaxar katekisti bdew jgħallmu d-duttrina. Twaqqaf il-Kor Shalom minn Dun Alfred Camilleri. Bdew ukoll laqgħat għall-istudenti u attivitajiet sportivi. L-entużjażmu tal-ewwel diretturi u ta' tant tfajliet dedikati għen biex in-numru ta' tfal, studenti u tfajliet beda dejjem jiżdied. Madwar 600 ruħ kienu jattendu, u sena wara, nhar it-12 ta' Awwissu 1975, sar il-ftuħ uffiċjali ta' dan l-Oratorju mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi u ngħata l-isem ta' Oratorju Marija Immakulata.

Mill-bidu nett tal-ftuħ tiegħu, l-Oratorju seta' jara u jmiss b'idejh il-Provvidenza kbira tal-Mulej. Nies ħabrieka ddedikaw ħajjithom u ħadmu bla heda biex jagħtu identità lil dan il-post u ħolqu fih atmosfera ta' familja kbira. L-għajnuna finanzjarja tal-benefatturi wkoll dejjem inkoraġġiet lill-membri jimxu 'l quddiem bil-proġetti tagħhom. Hu bis-saħħa ta' dawn il-ħafna nies ġenerużi li kienu lesti joffru l-ħin u l-flus tagħhom b'ħafna mħabba li l-Oratorju seta' jagħmel ħafna proġetti. Bnew sala, biddlu s-sistema kollha tad-dawl, irranġaw il-ġnien, il-Barbarella u l-*playing hall*.

Bħalissa fl-Oratorju hemm tlettax-il-klassi tad-duttrina minn Year I sa Form I. Ħafna mill-katekisti huma membri tal-Oratorju stess. Madwar sittin studenta jattendu kull nhar ta' Ġimgħa għal-laqgħa ta' formazzjoni u wara ġirja għal-logħob fil-grawnd jew għall-*playing hall*. Il-membri l-kbar jiltaqgħu regolarment nhar ta' Tnejn għal-laqgħa ta' formazzjoni mmexxija mill-arċipriet li huwa wkoll id-direttur tal-Oratorju, u nhar ta' Erbgħa għal-laqgħa ta' talb.

Il-ħidmiet li jsiru fl-Oratorju huma varji u spissi. Il-Kor Shalom jiltaqa' regolari u jagħti s-sehem tiegħu kull nhar ta' Sibt fil-knisja arċipretali u fil-festi l-oħra liturġiċi ta' matul is-sena. Insemmu wkoll l-irtiri li dejjem ikunu esperjenzi mill-isbaħ għal min jattendi, il-grupp ta' kitarristi *Laudate Dominum*, il-fieri li jsiru fl-Oratorju li jservu mhux biss biex jinġabru fondi meħtieġa biex jitħallsu l-ispejjeż, imma huma wkoll okkażjoni biex jaħdmu flimkien, u l-ħarġiet u l-attivitajiet soċjali flimkien. Dawn l-attivitajiet iżommu l-Oratorju ħaj u attiv.

Ħajr jingħata lid-diretturi ħabrieka li kellu l-Oratorju: Mons. Salv Sammut, il-Kan. Dun Alfred Camilleri, l-Arċiprieti passati Mons. Joe Carabott u Dun Mario Tong u l-Arċipriet preżenti Dun Albert Buhagiar. Grazzi tax-xogħol siewi li wettqu u li qegħdin iwettqu fl-Oratorju.

Hi xewqa tal-membri li l-Mulej ikompli jbierek il-ħidma tal-Oratorju flimkien mat-tfal u żgħażagħ u l-familji ta' kull min jagħmel parti minnu.

# Attivitajiet biex niċċelebraw is-*16 ta' Settembru*

# Jum il-Mosta




**Mostattiva**

Fil-jum tal-Ħadd, 14 ta' Settembru, il-Kunsill organizza attività li ssemmiet MOSTATTIVA.

F'din l-attività li saret filgħodu, il-Kunsill xtaq jirrikonoxxi x-xogħol li twettaq tul din is-sena fejn saru diversi proġetti fil-lokalità u xtaq ukoll li jtella' attività fil-pjazza li biha jħajjar lir-residenti biex ikunu aktar attivi.

Il-ġurnata bdiet bl-inawgurazzjoni tal-pavimentar il-ġdid fi Trejqet Sant' Anna u Sqaq Numru 1 fi Triq Sant' Antnin. Ir-residenti preżenti għall-inawgurazzjoni kollha esprimew is-sodisfazzjon tagħhom bit-tisbiħ li sar fit-triq tagħhom. Il-Kunsillieri u s-Sindku kienu akkumpanjati mill-*Guggen Band* waqt din l-inawgurazzjoni.

Il-banda kompliet miexja sal-pjazza fejn wara li ttellgħet il-bandiera tal-Mosta saret ukoll li inawgurazzjoni u t-tberik mill-Arċipriet tal-Mosta Dun Albert Buhagiar, ta' Ġnien Reggie Cilia. Iż-żona ta' wara l-knisja ngħatat nifs ġdid b'dan il-proġett. F'kull ħin tal-ġurnata l-*playground* il-ġdid ikun mimli tfal igawdu u jiddevertu fuq il-bandli l-ġodda li tpoġġew f'dan il-ġnien.

Sadanittant il-pjazza kienet mimlija bil-membri tad-diversi għaqdiet, kollha jipprattikaw id-dixxiplina sportiva tagħhom. Ittellgħet wirja tal boxing, attività tal-futbol, attività mill-Mosta Cycling Club u attività ta' *handball* fost oħrajn. Iż-żgħażagħ tal-Youth Empowerment Centre organizzaw logħob varjat u kellna diversi wirjiet ta' żfin u eżerċizzji u Zumba fuq il-palk. Kulħadd seta' jipparteċipa fl-attivitajiet. Fl-aħħar saret *tug-of-war* bejn il-*boxers* u l-*Mosta Gunners* li ntrebħet mill-Gunners. Angie u PJ ippreżentaw il-programm varjat u ħadu ħsieb li dawk kollha preżenti jipparteċipaw u jieħdu gost. Għal din l-attività kellna l-pjaċir nilqgħu fost oħrajn lill-Kap tal-Partit Nazzjonalista l-Onor. Dr Simon Busuttil, l-Onor. David Agius u l-Onor. Dr Joe Cassar.




























## AVVIŻI AMMINISTRATTIVI

Residenti għandhom ipoġġu l-boroż tal-iskart tagħhom wara r-residenza tagħhom mhux aktar minn siegħa qabel jgħaddi tal-iskemil. Huwa projbit li jitpoġġew boroż u skart ieħor maġenb il-kantunieri tal-Bring-in Sites

*Residents are to place their refuse bags in front of their own residence not more than 1 hour before collection time. It is prohibited to place garbage bags and other waste material next to the Bring-in Sites.*

**Riċiklaġġ ta' Ħġieġ:** Il-ħġieġ għar-riċiklaġġ jinġabar kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Il-ħġieġ għandu jitpoġġa ġo kaxxi tal-kartun. Qatt ma għandu jitpoġġa ġo boroż suwed.

***Recycling of Glass**: Glass for recycling is collected on the first Friday of the month. Glass must be placed in a cardboard box and never in a black bag.*

**TIBDIL FIL-ĦIN TA' ĠBIR TA' SKART FIL-MOSTA**
***CHANGE IN TIME OF WASTE COLLECTION IN MOSTA***

Il-Kunsill jinforma lir-residenti li mit-12 ta' Jannar 2015 ser ikun hemm tibdil fil-ġbir ta' skart domestiku (boroż suwed) kif ġej:

*The Council wishes to inform residents that as from the 12th January 2015 there will be a change in the collection time of domestic waste (black bags) as follows:*

**Ġbir ta' Skart Domestiku (boroż suwed)**
***Collection of Domestic Refuse (black bags)***

| | |
|---|---|
| It-Tnejn - Monday | Mis-7.30 ta' filgħodu – From 7.30 am |
| It-Tlieta - Tuesday | Ma jinġabarx – No collection |
| L-Erbgħa - Wednesday | Mis-7.30 ta' filgħodu – From 7.30 am |
| L-Ħamis - Thursday | Mis-7.30 ta' filgħodu – From 7.30 am |
| Il-Ġimgħa - Friday | Ma jinġabarx – No collection |
| Is-Sibt - Saturday | Mis-7.30 ta' filgħodu – From 7.30 am |
| Il-Ħadd - Sunday | Ma jinġabarx – No collection |

Il-ġbir ta' skart għar-riċiklaġġ (boroż ħodor) ser jibqa' l-istess kif jidher hawn taħt:

*The collection of recyclable waste (green bags) will remain the same as at present and as shown hereunder:*

Skart għar-riċiklaġġ (boroż ħodor) –
Refuse for recycling (green bags)

| | |
|---|---|
| It-Tlieta - Tuesday | Wara l-10 ta' filgħodu - After 10 am |
| Il-Ġimgħa - Friday | Wara l-10 ta' filgħodu - After 10 am |

Diskors tas-Sindku

# Dr Shirley Farrugia

*fl-okkażjoni tat-tifkira tal-Qalbiena Mostin, Novembru 2014*




L-Għodwa t-tajba. Wisq Reverendu Arċipriet, Onorevoli Membri Parlamentari, sħabi Kunsillieri u sinjuri. F'isem il-Kunsill nirringrazzjakom li lqajtu l-istedina li għamilnielkom biex flimkien, illum, ningħaqdu f'ċerimonja qasira fejn qed nikkomemoraw il-Qalbiena Mostin.

Din l-attività daħlet sewwa fil-kalendarju kulturali tagħna u hi okkażjoni u drawwa li kważi kull Kunsill żamm tul it-terminu tiegħu. Dawn il-ftit minuti flimkien jagħtuna l-opportunità biex nieqfu ftit mir-rutina ta' kuljum tagħna u nikkontemplaw l-antenati tagħna li taw ħajjithom għal pajjiżna.

Nhar il-Ħadd li għadda, f'Jum it-Tifkira, ingħaqadna mal-ogħla awtoritajiet ta' pajjiżna u mal-pajjiżi l-oħra tal-*Commonwealth* f'ċerimonja simili li ssir ta' kull sena fuq skala nazzjonali fil-Belt. Hemmhekk ukoll pparteċipajna f'Quddiesa ddedikata lill-vittmi tal-gwerra u wara mxejna lejn il-Monument tal-Gwerra f'Bieb il-Belt biex isir t-tqiegħid ta' kuruni ma' dan il-monument. Kienet ċerimonja qasira u sempliċi imma ta' sinifikat kbir.

Illum magħkom fil-Mosta xtaqna niftakru fil-vittmi tal-gwerra f'dan il-jum ta' tifkira f'ċerimonja simili ta' dik nazzjonali, iżda ovvjament fuq skala ferm iżgħar.

Ninsabu għalhekk quddiem dan il-monument majestuż li nħadem mill-iskultur Mosti Ġanni Bonnici u li ġie mikxuf f'Novembru tal-1992. Jekk tħarsu mill-viċin lejn il-monument, fil-parti t'isfel taraw numru ta' ismijiet ta' nies miktuba fuq it-twavel. Hemm numru kbir ta' ismijiet ta' dawk in-nies li mietu waqt il-gwerrer dinjin u hemm ukoll l-ismijiet ta' dawk is-sittax-il Mosti li tilfu ħajjithom waqt l-irvelli tal-Maltin kontra l-Franċiżi fl-1799 fejn kien tilef ħajtu ukoll Dun Mikiel Xerri.

L-istorja turina li waqt it-Tieni Gwerra Dinjija l-Maltin batew ħafna. Apparti li waqa' ħafna bini, weġġħu numru kbir ta' nies u saħansitra kellna diversi nies li tilfu ħajjithom.

Il-Mosta, peress li tinsab viċin ħafna tal-mijtar f'Ta Qali, ta' spiss sabet ruħa fil-mira ta' attakki diretti tal-għadu. L-ewwel attakk mill-ajru fuq il-Mosta seħħ fil-1940, nhar is-16 ta' Ġunju. Kien imbagħad waqt l-attakk mill-ajru tal-21 ta' Marzu meta waqgħu l-bombi fuq diversi djar fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, fi Triq Cassar u fi Triq Gafà fejn intlaqat ukoll xelter u mietu ħafna Mostin.

B'kollox waqt il-gwerrer dinjin mietu mas-76 miljun persuna –

16-il miljun fl-Ewwel Gwerra u 60 miljun waqt it-Tieni Gwerra. Ħafna minn dawn in-nies kienu żgħażagħ għadhom fl-aqwa ta' ħajjithom. Dawn kienu n-nies li ġew sagrifikati għall-paċi fid-dinja waqt li nies oħrajn wara l-iskrivaniji tagħhom taw l-ordnijiet.

Aħna llum, li qed ngħixu fi żmien ta' paċi, fortunati iktar minn nies li għexu f'dawk iż-żminijiet. Biss ta' spiss lanqas biss nikkunsidraw kemm hi importanti l-paċi f'ħajjet kull wieħed u waħda minna. Il-paċi hija xi ħaġa li għandna napprezzaw u ngħożżu.

Din is-sena kellna diversi opportunitajiet biex niċċelebraw il-paċi fid-dinja: f'dawn l-aħħar ġimgħat fakkarna l-mitt sena anniversarju tal-Ewwel Gwerra Dinjija, il-25 sena mill-waqa' tal-Ħajt ta' Berlin, u din is-sena ċċelebrajna wkoll il-50 sena ta' Malta Indipendenti. Storja ta' 50 sena Indipendenza ta' pajjiż fil-paċi.

Mingħajr paċi f'pajjiżna ma nistgħux nitkellmu fuq progress ekonomiku, żvilupp soċjali, żvilupp kulturali.

Marridux inħarsu 'l bogħod biex nindunaw li sfortunatament il-gwerrer għadhom għaddejjin fid-dinja tal-lum, gwerrer li ta' spiss qegħdin jiġu ġustifikati f'isem ir-reliġjon u f'isem Alla. Ftit 'il bogħod minn xtutna nistgħu nsegwu l-kunflitti fil-Libja. Nisimgħu kuljum fuq il-ġlied fis-Sirja, fl-Iraq u fl-Ukrajina fost oħrajn. Gwerrer li jkomplu jġibu tbatija, ġuħ, u tifrik fil-pajjiż. Pajjiżi li jispiċċaw mkissrin u fejn il-progress ekonomiku li qed igawdu pajjiżi fil-paċi hija biss ħolma.

Intenni l-appell li għamel l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Scicluna fid-diskors tiegħu f'Jum it-Tifkira nhar il-Ħadd li għadda, fejn appella lil kulħadd biex jagħmel impenn għall-paċi fid-dinja. Ejjew niftakru kuljum f'dawn il-vittmi tal-gwerra u naħdmu biex jitkissru d-differenzi ta' bejnietna. Ejjew naħdmu sabiex l-ebda wieħed minnha ma jispiċċa xi darba hu wkoll isem biss minqux fuq tavla bħal m'hawn hawnhekk.



# Presepji

## li qegħdin għall-wiri fil-Mosta fil-ġranet tal-Milied

**Grupp Armar Marija Assunta**
Maħżen tal-Armar,
Triq il-Knisja

**Talent Mosti**
Razzett tal-Markiż Mallia Tabone,
Triq Wied il-Għasel

**Soċjetà Filarmonika Nicolo Isouard**
Każin Nicolò Isouard,
Triq il-Kbira

**Michael Muscat,**
405, Triq il-Kbira

**Lorry Camilleri,**
403, Triq il-Kbira

**Nenu Camenzuli,**
Triq Ġlormu Cassar
(faċċata tal-Pax et Bonum)

**Lorry Gatt,**
(tas-City) Triq San Ġwann

**Oliver Mizzi,**
157, Triq il-Kungress Ewkaristiku

# Żjara fil-Mosta tal-Kap tal-Oppożizzjoni u Kap tal-Partit Nazzjonalista *Dr Simon Busuttil*

Nhar it-28 ta' Ottubru l-Kunsill laqa' lil Onor. Dr Simon Busuttil u lill-Onor. David Agius fil-lokalità tagħna. Kienet opportunità għalina li nuru lil Dr Busuttil ftit mix-xogħol li sar minn dan il-Kunsill tul dawn l-aħħar xhur.

Iż-żjara bdiet fi Trejqet Sant' Anna fejn Dr Busuttil apprezza x-xogħol ta' pavimentar ġdid f'din it-trejqa. Ftit passi 'l bogħod żorna wkoll Sqaq Numru 1 fi Triq Sant' Antnin fejn ukoll sar pavimentar ġdid. Dawn il-proġetti li saru bis-saħħa tal-flus tal-MEPA mill-fond tal-*Urban Improvement* għenu biex jagħtu karattru ġdid lil dawn it-toroq. Dr Busuttil kellu l-opportunità li jiltaqa' ma' diversi residenti ta' dawn it-toroq u kollha esprimew sodisfazzjon b'dawn il-proġetti.

Wara żorna Triq il-Kbira fejn Dr Busuttil ra l-kostruzzjoni mill-ġdid ta' din it-triq. B'kollox il-Kunsill nefaq 360,000 euro biex saret din it-triq iktar kmieni din is-sena. Saru wkoll diversi sinjali tat-toroq ġodda. Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li jdawwar Triq il-Ħtajriet fejn tiltaqa' ma' Triq il-Kbira f'*one way* biex b'hekk ukoll jitnaqqsu l-inċidenti tat-traffiku li kienu jsiru regolarment f'dawn l-inħawi.

Dr Busutill waqaf jara ukoll il-Ġnien tal-Blata l-Għolja fejn interessa ruħu fil-*parkour park* u apprezza wkoll il-bandli ġodda li tpoġġew f'dan il-ġnien ftit xhur ilu.



Post ieħor fejn waqqafna kien Wied l-Isperanza. Hawnhekk permezz ta' proġett ffinanzjat minn fondi Ewropew ġie restawrat parti minn dan il-wied. Is-Sindku Dr Farrugia spjegat lill Dr Busuttil li permezz ta' dawn il-fondi ġie restawrat il-pont l-antik, tnaddaf il-wied, ġie kkreat passaġġ għall-viżitaturi u tħawlu numru ta' siġar. Ġie stallat ukoll *information totem* li minnu l-viżitatur ikun jista' jakkwista iżjed informazzjoni fuq il-wied u diversi postijiet ta' interess fil-Mosta.

Il-medja segwiet din iż-żjara u fi tmiemha saret konferenza għall-istampa quddiem il-Kappella tal-Isperanza.

# Lejla *Agrarja*



Nhar is-Sibt, 26 ta' Lulju 2014, propju ġimgħa wara l-festa tal-Bidnija, il-Kunsill organizza l-attività tal-Lejla Agrarja f'dan ir-raħal ċkejken. Is-serata bdiet b'Quddiesa mżewqa bl-għana Malti li saret fil-knisja tal-Bidnija, u wara, Dun Raphael Demartino bierek il-prodotti esibiti ta' ħxejjex u frott flimkien mal-annimali li kien hemm għall-wiri għal din is-sena.

Din l-attività issa saret okkażjoni li tkun mistennija ħafna mill-Mostin speċjalment dawk li joqogħdu l-Bidnija. F'atmosfera ferm informali kulħadd ħa gost isegwi l-kant, jilgħab it-tombla, iduq l-ikel provdut u jsegwi l-wirja tal-ħaxix u l-frott. Għall-ewwel darba din is-sena wkoll ittellgħet wirja ta' muturi antiki. L-esibituri kollha marru lura b'tifkira ta' rikonoxximent għall-parteċipazzjoni tagħhom u kien hemm min ħa premju għall-ħaxix jew il-frott fil-kategorija partikolari li kkontesta fiha.



Golden Foods
Ready cooked
fast to prepare!
Crispy Chicken
Mini Fillets
Crispy Chicken
Breast Fillets
Southern
Fried Strips
Chicken Schnitzel
Poppin
Chicken
MADE WITH 100% CHICKEN BREAST FILLETS




Hjata ta' Bnadar u Pavaljuni
Xogħol professjonali bi prezzijiet għal-but ta' kulħadd!
Ċempel : 79 433 119
Noffru servizz ta' llamtar tal-kunfratiji kif ukoll
ħjata għall-ħwejjeġ sagri (pjaneti, albi, spellizzi, etċ)




centro moda

MOSTA - 27411034
- 21411034
SLIEMA - 27331033
HAMRUN - 21221637

Moda

MOSTA | PLAZA, SLIEMA
27411035 - 27331033